KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-8 ta' Jannar 2015[1]

**Kawżi C-605/13 P u C-630/13 P**

**Issam Anbouba**
**vs**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

"Appelli — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Miżuri indirizzati kontra persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawha — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Kriterju ta' inklużjoni — Marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tal-Kunsill — Oneru tal-prova"

1. Sa minn Marzu 2011, fis-Sirja hemm oppożizzjoni kontra l-president Bachar Al-Assad u r-reġim immexxi minnu. Il-mezz magħżul mir-reġim li jinsab fil-poter biex jirrispondi għal dik l-oppożizzjoni huwa dak tar-ripressjoni, li xeħtet lill-pajjiż fi gwerra ċivili.

2. Fid-dawl tal-vjolenza mwettqa mir-reġim ta' Bachar Al-Assad, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li timponi miżuri restrittivi. Dawn il-miżuri huma intiżi biex jagħmlu pressjoni fuq dak ir-reġim sabiex jirrinunzja għall-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili. Dawn huma jew ta' portata ġenerali, inkwantu jikkonsistu pereżempju fi projbizzjonijiet li jiġu esportati ċerti prodotti lejn is-Sirja, jew inkella ta' portata individwali, inkwantu huma intiżi b'mod partikolari biex jiffriżaw il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma konnessi mar-reġim Sirjan.

3. B'hekk, għalkemm il-miżuri restrittivi huma uffiċjalment immirati lejn Stat, fir-realtà dawn jaffettwaw lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jew jitqiesu li huma direttament responsabbli għas-sitwazzjoni li kontriha trid tiġġieled l-Unjoni, jew inkella jikkontribwixxu għal dik is-sitwazzjoni jew għandhom is-setgħa li jinfluwenzaw is-soluzzjoni tagħha[2].

4. Il-miżuri restrittivi deċiżi kontra r-reġim Sirjan kienu progressivi. Fil-bidu, dawn kienu jirrigwardaw persuni minħabba l-funzjonijiet uffiċjali tagħhom fi ħdan l-apparat statali. Wara li kkonstatat li, minkejja dawn l-ewwel miżuri restrittivi, ir-ripressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili kompliet għaddejja, l-Unjoni sussegwentement wessgħet il-portata tal-miżuri restrittivi għal setturi oħrajn tal-popolazzjoni, fosthom diversi diretturi ta' impriżi.

5. Dan it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżuri restrittivi jqajjem il-problema dwar il-prova tal-konnessjoni li għandhom il-persuni mniżżla fuq il-listi tal-iffriżar tal-fondi mar-reġim tal-Istat terz li kontrih huma indirizzati dawn il-miżuri.

6. Din hija, preċiżament, il-kwistjoni li tinsab fil-qalba ta' dawn il-kawżi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ara Beaucillon, C., *Les mesures restrictives de l'Union européenne*, Bruylant, Brussell, 2014, p. 445.

7. Permezz taż-żewġ appelli tiegħu, I. Anbouba jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tannulla żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Anbouba vs Il-Kunsill[3], li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi għal annullament ippreżentati minnu kontra diversi deċiżjonijiet ta' iffriżar ta' fondi li kienu jikkonċernawh.

8. Fis-sentenzi tagħha, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, peress li d-diretturi tal-impriżi prinċipali Sirjani setgħu jiġu kkwalifikati bħala persuni assoċjati mar-reġim Sirjan, billi l-attivitajiet kummerċjali ta' dawk l-impriżi ma setgħux jirnexxu ħlief jekk jibbenefikaw minn favuri mill-imsemmi reġim u jroddulu lura ċertu appoġġ, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ried japplika preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim Sirjan kontra d-diretturi tal-impriżi prinċipali fis-Sirja.

9. Il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma, fuq il-bażi ta' għadd sħiħ ta' fatti, li dik il-preżunzjoni setgħet tiġi applikata għal I. Anbouba.

10. Fil-limiti inerenti għal proċedura ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tiddeċiedi jekk, permezz tas-sentenzi tagħha, il-Qorti Ġenerali kisritx jew le r-regoli dwar l-oneru tal-prova dwar miżuri restrittivi, kif jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

11. F'dawn il-konklużjonijiet, jien ser nipproponi, wara li niżen il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li stabbilixxiet dawk ir-regoli, li dawn l-appelli jiġu miċħuda.

12. Effettivament, għalkemm jidhirli li hija kontestabbli l-artikolazzjoni tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar il-kunċett tal-preżunzjoni, ser nagħti r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħi din tal-aħħar setgħet, ġustament, tasal għall-konklużjoni li l-Kunsill kien issodisfa l-oneru tal-prova tiegħu dwar miżuri restrittivi, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kriterju ta' inklużjoni previst fir-regoli ġenerali dwar il-miżuri restrittivi imposti kontra r-reġim Sirjan, fejn il-Kunsill għandu diskrezzjoni wiesgħa fil-mod kif jiffissahom, l-eżistenza ta' għadd sħiħ ta' fatti magħrufa sew u ta' fatti mhux ikkontestati, karatteristiċi ta' dak ir-reġim kif ukoll il-kuntest ta' gwerra ċivili fis-Sirja.

## I – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

13. Il-Qorti Ġenerali, fis-sentenzi appellati, tiddeskrivi skont kif ġej il-fatti li wasslu għall-kawża:

"1 Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, abbażi tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 121, p. 11). L-Artikolu 4(1) ta' dik id-deċiżjoni jipprovdi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil persuni responsabbli għar-ripressjoni vjolenti eżerċitata kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja u lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi u entitajiet marbuta magħhom, li l-lista tagħhom tinsab fl-Anness tal-imsemmija deċiżjoni, kif ukoll il-fondi u r-riżorsi li huma jippossjedu, iżommu jew jikkontrollaw, għandhom jiġu ffriżati. Il-modalitajiet ta' dan l-iffriżar huma ddefiniti fil-paragrafi l-oħra ta' dan l-istess artikolu. Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2011/273, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista ta' dawn il-persuni.

2 Permezz tad-Deċiżjoni 2011/522/PESK, tat-2 ta' Settembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273 (ĠU L 228, p. 16), il-Kunsill b'mod partikolari estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) ta' din l-aħħar deċiżjoni għall-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil persuni responsabbli mir-ripressjoni vjolenti mwettqa kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, lil persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawh u lill-persuni u entitajiet marbuta magħhom, li l-lista tagħhom tinsab fl-Anness, kif ukoll il-fondi kollha li huma jippossjedu, iżommu jew jikkontrollaw. L-isem tar-rikorrent, Issam

3 — T-563/11, EU:T:2013:429, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-563/11", u T-592/11, EU:T:2013:427, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-592/11" (iktar 'il quddiem, flimkien, is-"sentenzi appellati").

Anbouba, b'hekk iddaħħal f'din il-lista. Ir-raġunijiet għal dik l-inklużjoni, indikati fil-kolonna korrispondenti tal-istess lista, huma dawn: 'President [ta'] Issam Anbouba Est. for agro-industry [4]. Jagħti appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan'.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011, tad-9 ta' Mejju 2011, dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 121, p. 1), ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 215(2) TFUE [5] u tad-Deċiżjoni 2011/273. L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi għall-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi elenkati fl-Anness II, jew li huma jkunu jippossjedu, iżommu jew jikkontrollaw. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011, tat-2 ta' Settembru 2011, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 228, p. 1), b'mod partikolari emenda l-Anness II tar-Regolament Nru 442/2011 u daħħal isem ir-rikorrent fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi kkonċernati mill-miżura inkwistjoni. Ir-raġunijiet indikati għall-inklużjoni tiegħu fil-lista li tinsab fl-imsemmi anness huma identiċi għal dawk indikati fl-anness tad-deċiżjoni 2011/522.

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK tat-23 ta' Settembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273 (ĠU L 247, p. 17), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011, tat-13 ta' Ottubru 2011, li jemenda r-Regolament Nru 442/2011 (ĠU L 269, p. 18), żammew isem ir-rikorrent fuq il-lista msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq u introduċew informazzjoni dwar id-data u l-post tat-twelid tiegħu.

5 Fis-7 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent ippreżenta quddiem il-Kunsill talba għal rieżami tad-Deċiżjoni li permezz tagħha ismu ġie inkluż fil-lista inkwistjoni, li għaliha l-Kunsill ta risposta negattiva fl-14 ta' Novembru 2011.

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK, tat-13 ta' Ottubru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273 (ĠU L 269, p. 33), żiedet l-isem ta' entità ġdida mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi kkonċernati mill-miżuri inkwistjoni u emendat ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2011/273 dwar il-mertu. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/735/PESK, tal-14 ta' Novembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273 (ĠU L 296, p. 53), stabbilixxiet miżuri restrittivi supplimentari fil-konfront tal-persuni li jinsabu f'dik il-lista.

7 Fl-14 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill ippubblika avviż għall-attenzjoni tal-persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni 2011/273, kif emendata bid-Deċiżjoni 2011/684, u fir-Regolament Nru 442/2011, kif emendat bir-Regolament Nru 1011/2011 (ĠU C 303, p. 5).

8 Id-Deċiżjoni 2011/273 ġiet irrevokata u ssostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 319, p. 56), wara l-adozzjoni ta' miżuri supplimentari ġodda, li żammet isem ir-rikorrent fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi kkonċernati b'dawk il-miżuri.

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/37/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782 (ĠU L 19, p. 33), żiedet lil persuni u entitajiet oħrajn mal-lista inkwistjoni, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/122/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782 (ĠU L 54, p. 14), daħlet miżuri ġodda kontra l-persuni mniżżla fuq dik il-lista.

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, p. 1), ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 168/2012 tas-27 ta' Frar 2012 (ĠU L 54, p. 1),

4 — Iktar 'il quddiem "SAPCO".

5 — Nosserva, madankollu, li l-premessi tar-Regolament Nru 442/2011 isemmu l-Artikolu 215 TFUE mingħajr ma jippreċiżaw madankollu jekk il-miżuri adottati jaqgħux taħt il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 tiegħu.

li daħħal ismijiet oħrajn fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi kkonċernati minn dawk il-miżuri u ppreveda miżuri ġodda kontra persuni mniżżla fuq dik il-lista. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 410/2012 tal-14 ta' Mejju 2012 li jimplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament Nru 36/2012 (ĠU L 126, p. 3), emenda l-informazzjoni dwar id-data u l-post ta' twelid tar-rikorrent kif ukoll ir-raġunijiet għall-inklużjoni tiegħu fuq il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament Nru 36/2012 b'dan il-mod:

'Jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-apparat ripressiv u għall-gruppi paramilitari li jużaw il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Jipprovdi proprjetà (binjiet, imħażen) għal ċentri ta' detenzjoni improvviżżati. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali għoljin Sirjani.'"

## II – **Ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali**

14. I. Anbouba ppreżenta żewġ rikorsi għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

15. Fl-ewwel rikors (Kawża T-563/11), l-atti li ntalab l-annullament tagħhom, kemm jekk fir-rikorsi inizjali jew fin-noti li jemendaw it-talbiet, kienu dawn li ġejjin:

— id-Deċiżjoni 2011/522;

— id-Deċiżjoni 2011/628;

— id-Deċiżjoni 2011/782;

— ir-Regolament Nru 878/2011; u

— ir-Regolament Nru 36/2012,

sa fejn isem I. Anbouba kien jinsab fuq il-lista tal-persuni kkonċernati bil-miżuri restrittivi adottati minħabba s-sitwazzjoni fis-Sirja.

16. Fit-tieni rikors (Kawża T-592/11), l-atti li ntalab l-annullament tagħhom, kemm jekk fir-rikorsi inizjali jew fin-noti li jemendaw it-talbiet, kienu dawn li ġejjin:

— id-Deċiżjoni 2011/684;

— id-Deċiżjoni 2011/782;

— ir-Regolament Nru 1011/2011;

— ir-Regolament Nru 36/2012; u

— ir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 410/2012,

sa fejn isem I. Anbouba kien jinsab fuq il-lista tal-persuni kkonċernati bil-miżuri restrittivi adottati minħabba s-sitwazzjoni fis-Sirja.

III – **Is-sentenzi appellati**

17. Fl-ewwel rikors (Kawża T-563/11), I. Anbouba jinvoka sitt motivi għal annullament, iżda rtira tlieta minnhom. Il-Qorti Ġenerali eżaminat it-tliet motivi li fadal, jiġifieri t-tieni motiv, li jallega ksur tar-regoli dwar il-prova u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għall-inklużjoni ta' I. Anbouba fuq il-lista tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi, it-tielet motiv, li jallega ksur tad-drittijiet ta' difiża, u r-raba' motiv, li jallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

18. Fit-tieni rikors (Kawża T-592/11), I. Anbouba invoka sitt motivi għal annullament, iżda rtira l-aħħar żewġ motivi. Il-Qorti Ġenerali eżaminat l-erba' motivi li fadal, jiġifieri l-ewwel motiv, li jallega ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u ta' qlib tal-oneru tal-prova, it-tieni motiv, li jallega żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għall-inklużjoni ta' I. Anbouba fuq il-lista tal-persuni suġġetti għal sanzjonijiet tal-Unjoni, it-tielet motiv, li jallega ksur tad-drittijiet ta' difiża, u r-raba' motiv, li jallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

19. Fiż-żewġ rikorsi, wara li eżaminat u ċaħdet kull wieħed mill-motivi, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi u kkundannat lil I. Anbouba għall-ispejjeż.

IV – **It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

20. Fil-Kawżi C-605/13 P u C-630/13 P, I. Anbouba talab li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) tannulla s-sentenzi appellati;

2) tiddikjara u tiddeċiedi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda li:

   — id-deċiżjoni ta' inklużjoni ta' I. Anbouba fuq il-lista tal-persuni u entitajiet milquta mis-sanzjonijiet ekonomiċi hija illegali;

   — id-deċiżjonijiet u r-regolamenti inkwistjoni fl-okkażjoni tal-Kawżi T-563/11 u T-592/11 huma annullati; u

   — il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż f'kull istanza.

21. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appelli;

— jekk ikun il-każ u sussidjarjament, tiċħad ir-rikorsi kontra l-atti kkontestati; u

— tikkundanna lil I. Anbouba għall-ispejjeż tal-appelli.

22. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appelli; u

— tikkundanna lil I. Anbouba għall-ispejjeż.

V – **L-appelli**

23. Iż-żewġ appelli huma bbażati fuq l-istess żewġ aggravji.

24. Permezz tal-ewwel aggravju, I. Anbouba jikkontesta l-użu mill-Qorti Ġenerali, fil-konfront tiegħu, ta' preżunzjoni ta' assoċjazzjoni mar-reġim Sirjan u, permezz tat-tieni wieħed, l-assenza ta' stħarriġ normali, mill-Qorti Ġenerali, tad-deċiżjonijiet u r-regolamenti inkwistjoni.

25. L-appelli huma indirizzati kontra l-punti segwenti tas-sentenzi appellati.

26. Il-punti 32 u 33 tas-sentenza T-563/11 (li huma, essenzjalment, identiċi għall-punti 42 u 43 tas-sentenza T-592/11) huma fformulati kif ġej:

"32 Mill-premessi tad-Deċiżjoni 2011/522 jirriżulta li, peress li l-miżuri restrittivi adottati fid-Deċiżjoni 2011/273 ma ppermettewx li tintemm ir-ripressjoni tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili [Sirjana], il-Kunsill ikkunsidra li kien hemm lok li jiġu applikati l-imsemmija miżuri għal persuni u entitajiet oħrajn li jgawdu mir-reġim jew jistrieħu fuqu, b'mod partikolari għal dawk li jiffinanzjaw ir-reġim jew jagħtuh appoġġ loġistiku, b'mod partikolari lill-apparat ta' sigurtà, jew li jikkompromettu l-isforzi sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni paċifika lejn id-demokrazija. B'hekk, jidher li d-Deċiżjoni 2011/522 estendiet il-miżuri restrittivi għall-imprendituri prinċipali Sirjani, peress li l-Kunsill jidhirlu li [id-diretturi tal-impriżi prinċipali Sirjani] jistgħu jiġu kkwalifikati bħala persuni assoċjati mar-reġim Sirjan, inkwantu l-attivitajiet kummerċjali [tal-imsemmija] impriżi ma jistgħux jirnexxu mingħajr ma jibbenefikaw minn favuri mill-imsemmi reġim u li jroddulu lura ċertu appoġġ. Billi pproċeda b'dan il-mod, il-Kunsill ried japplika preżunzjoni ta' appoġġ għar-reġim Sirjan kontra d-diretturi tal-impriżi prinċipali fis-Sirja.

33 Fir-rigward tar-rikorrent, mill-proċess jirriżulta li l-Kunsill applika dik il-preżunzjoni minħabba l-kwalitajiet tiegħu bħala president ta' [SAPCO], kumpannija ewlenija fl-industrija agroalimentari[, li għandha b'mod partikolari sehem mis-suq ta' 60 % fis-settur taż-żejt tas-sojja], bħala direttur ta' diversi kumpanniji attivi fil-qasam tal-proprjetà immobbli u tal-edukazzjoni u bħala membru fundatur tal-bord tad-diretturi ta' [...] Cham Holding[, l-iktar kumpannija privata importanti fis-Sirja], li nħolqot fl-2007, u abbażi tal-funzjonijiet tiegħu ta' segretarju ġenerali tal-kamra tal-kummerċ u l-industrija tal-belt ta' Homs (fis-Sirja)." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

27. Sabiex jiġi vverifikat jekk il-Kunsill kienx wettaq żball ta' liġi meta uża preżunzjoni, il-Qorti Ġenerali għamlet referenza, fil-punt 35 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 45 tas-sentenza T-592/11, għall-ġurisprudenza dwar id-dritt tal-kompetizzjoni li tistabbilixxi li l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw preżunzjonijiet li jirriflettu l-possibbiltà għall-amministrazzjoni li jkollha l-oneru tal-prova li tasal għal konklużjonijiet billi tibbaża ruħha fuq ir-regoli ta' esperjenza komuni li jirriżultaw mill-iżvolġiment normali tal-affarijiet[6]. Din fakkret, fil-punt 36 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 46 tas-sentenza T-592/11, li preżunzjoni, anki jekk tkun diffiċli biex tiġi kkonfutata, tibqa' fi ħdan il-limiti aċċettati sakemm tkun proporzjonata għall-iskop leġittimu segwit, li teżisti l-possibbiltà li titressaq prova kuntrarja u d-drittijiet ta' difiża jkunu żgurati[7].

28. F'dawn l-istess punti, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tgħid li l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, ma huwiex diżinteressat mill-preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' liġi, iżda jeżiġi li l-Istati jirrestrinġuhom f'limiti raġonevoli waqt li titqies il-gravità tal-kwistjoni u jitħarsu d-drittijiet ta' difiża[8].

6 — Il-Qorti Ġenerali rreferiet, b'mod partikolari, għas-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punti 60 sa 63).

7 — Il-Qorti Ġenerali rreferiet għas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 — Il-Qorti Ġenerali rreferiet għas-sentenzi Salabiaku vs Franza (7 ta' Ottubru 1988, serje A Nru 141-A, § 28) u Klouvi vs Franza (Nru 30754/03, § 41).

29. Fil-punt 37 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 47 tas-sentenza T-592/11, il-Qorti Ġenerali rreferiet ukoll għall-punt 69 tas-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill[9], li minnha jirriżulta li, fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar l-iffriżar ta' fondi, l-użu ta' preżunzjonijiet ma huwiex eskluż inkwantu dawn ġew previsti fl-atti inkwistjoni u jirrispondu għall-għan ta' dik il-leġiżlazzjoni.

30. Hekk kif applikat dawk l-elementi tal-ġurisprudenza għal dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, iddeċidiet, fil-punt 38 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 48 tas-sentenza T-592/11, li, meta titqies in-natura awtoritarja tar-reġim Sirjan u l-kontroll strett eżerċitat mill-Istat fuq l-ekonomija Sirjana, il-Kunsill seta' jikkunsidra li jikkostitwixxi regola ta' esperjenza komuni l-fatt li l-attivitajiet ta' wieħed min-negozjanti ewlenin fis-Sirja, li huwa attiv f'għadd kbir ta' oqsma, ma setgħux jirnexxu kieku dan ma bbenefikax minn favuri mill-imsemmi reġim, u kieku huwa ma raddx lura ċertu appoġġ.

31. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk dik il-preżunzjoni kinitx proporzjonata mal-għan segwit mill-Kunsill, jekk kinitx konfutabbli u jekk kinitx tħares id-drittijiet ta' difiża ta' I. Anbouba.

32. Fil-punt 40 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 50 tas-sentenza T-592/11, il-Qorti Ġenerali fakkret l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2011/522, in-natura konservatorja tal-miżuri adottati u l-kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu s-sigurtà jew it-tmexxija ta' relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jistgħu jipprekludu l-komunikazzjoni ta' ċerti provi lill-partijiet ikkonċernati. Hija kkonkludiet li l-użu tal-preżunzjoni mill-Kunsill kien jidher li huwa proporzjonat.

33. Fil-punt 41 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 51 tas-sentenza T-592/11, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-preżunzjoni kienet konfutabbli inkwantu l-Kunsill kellu jikkomunika lill-persuni milquta mill-miżuri restrittivi r-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom u li dawk il-persuni setgħu jibbażaw fuq fatti u informazzjoni li setgħu jkunu fil-pussess tagħhom biss sabiex juru li huma ma kinux jagħtu l-appoġġ tagħhom lir-reġim.

34. Fil-punt 43 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 53 tas-sentenza T-592/11, il-Qorti Ġenerali, fit-tielet lok, iddeċidiet li l-preżunzjoni kienet prevista mill-atti inkwistjoni u li din kienet tippermetti li tirrispondi għall-għanijiet tagħhom.

35. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 44 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 54 tas-sentenza T-592/11, li l-Kunsill ma wettaqx żball ta' liġi meta kkunsidra li l-kwalità ta' I. Anbouba bħala negozjant importanti fis-Sirja, waħidha, kienet tippermettilu jippreżumi li dan tal-aħħar kien jagħti appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan.

36. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-kuntest tat-tieni motiv, il-provi mressqa minn I. Anbouba bil-iskop li juri li l-Kunsill għamel evalwazzjoni żbaljata meta kkunsidra li, fil-kwalità tiegħu bħala negozjant importanti fis-Sirja, huwa kien jagħti appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan. Fit-tmiem ta' dak l-eżami, il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li I. Anbouba ma ressaq ebda prova li tista' tikkonfuta l-preżunzjoni.

## VI – **L-argumenti tal-partijiet**

### A – *Fuq l-ewwel motiv*

37. I. Anbouba josserva li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kunsill applika b'mod korrett preżunzjoni ta' appoġġ għar-reġim Sirjan kontra diretturi ta' impriżi prinċipali fis-Sirja, peress li dik il-preżunzjoni hija nieqsa minn bażi ġuridika, sproporzjonata fil-konfront tal-għan leġittimu segwit u inkonfutabbli.

9 — C-376/10 P, EU:C:2012:138.

38. Fl-ewwel lok, I. Anbouba josserva li ma hemm ebda bażi legali għall-użu tal-preżunzjoni. Huwa jsostni li, għall-kuntrarju tal-kundizzjoni prevista mil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-atti inkwistjoni ma jipprevedux l-użu tal-preżunzjoni. Huwa jgħid li t-tieni sentenza tal-punt 32 tas-sentenza T-563/11 u tal-punt 42 tas-sentenza T-592/11 hija interpretazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tad-Deċiżjoni 2011/522.

39. Fit-tieni lok, I. Anbouba josserva li l-preżunzjoni hija ta' natura sproporzjonata meta mqabbla mal-għan segwit. Huwa jgħid li l-Qorti Ġenerali vvalidat preġudizzju tal-Kunsill billi eżentatu milli jistabbilixxi b'mod konkret ir-rabta bejn il-persuni kkonċernati mill-miżuri restrittivi u r-reġim Sirjan. I. Anbouba jikkontesta wkoll ir-referenza, li saret mill-Qorti Ġenerali, għall-ġurisprudenza dwar il-kompetizzjoni. Huwa jargumenta li l-kunċetti ta' "regoli ta' esperjenza komuni" u ta' "żvolġiment normali tal-affarijiet", li jinsabu fil-punt 35 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 45 tas-sentenza T-592/11, huma vagi u li l-każijiet ta' kompetizzjoni, relatati ma' sanzjonijiet ekonomiċi, jaqgħu taħt kuntest totalment differenti minn dak tal-iffriżar ta' fondi. I. Anbouba jikkonkludi li l-preżunzjoni, minħabba n-natura estremament ġenerali tagħha, ma tinsabx fi ħdan limiti aċċettabbli peress li hija sproporzjonata meta mqabbla mal-għan leġittimu mfittex.

40. Fl-aħħar lok, I. Anbouba jsostni li l-preżunzjoni inkwistjoni hija ta' natura inkonfutabbli. Effettivament, filwaqt li ma jistax jiċħad li huwa direttur ta' impriża fis-Sirja u peress li huwa materjalment impossibbli li tingħata prova negattiva ta' appoġġ lir-reġim Sirjan, l-unika possibbiltà li tiġi kkontestata l-preżunzjoni hija li tingħata prova ta' oppożizzjoni kontra dak ir-reġim. Huwa jikkontesta l-fatt li dik il-preżunzjoni ma tħalli ebda lok għall-persuni li, mingħajr ma jidħlu taħt ebda kategorija ta' appoġġ lir-reġim, lanqas ma jkunu jappartjenu għall-opponenti ddikjarati. Għaldaqstant, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta ċaħdet bħala insuffiċjenti l-provi mressqa minn I. Anbouba li jistabbilixxu n-nuqqas ta' appoġġ min-naħa tiegħu lir-reġim fil-poter.

41. Il-Kunsill ifakkar, qabel kollox, li huwa għandu kompetenza ġenerali biex jadotta miżuri restrittivi kontra l-membri tar-reġim fis-Sirja, li huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-miżuri restrittivi, li huma ta' natura konservatorja, huma intiżi unikament biex jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet Sirjani u l-persuni assoċjati magħhom sabiex itemmu l-kampanja ta' ripressjoni vjolenti li ħalliet eluf ta' mejtin fis-Sirja. Sabiex ikunu effikaċi, għandhom jolqtu lill-persuni responsabbli għal dik ir-ripressjoni u dawk li jkunu ssuspettati li għandhom konnessjoni ma' dawn tal-ewwel.

42. Il-Kunsill jenfasizza, sussegwentement, li l-għan tal-politika barranija ta' dawn il-kawżi jimplika diskrezzjoni wiesgħa għal-leġiżlatur tal-Unjoni u stħarriġ ġudizzjarju limitat.

43. B'referenza għall-punt 40 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Tay Za vs Il-Kunsill [10], fejn l-Avukat Ġenerali ddistingwa bejn tliet ċirki ta' persuni li kontrihom kienu indirizzati l-miżuri restrittivi, jiġifieri, l-ewwel nett, il-mexxejja, it-tieni nett, il-persuni assoċjati ma' dawk il-mexxejja, u b'mod partikolari l-persuni li jiggwadanjaw mill-politika ekonomika, kif ukoll, it-tielet nett, il-membri tal-familja tal-persuni li jgawdu mill-politika ekonomika, il-Kunsill indika li I. Anbouba jagħmel parti mit-tieni ċirku ta' persuni kkonċernati.

44. Huwa jfakkar li I. Anbouba huwa negozjant importanti li jagħmel parti mill-klassi ekonomika ta' tmexxija fis-Sirja, li huwa wieħed mill-pilastri tal-awtoritajiet li hemm fil-poter, li huwa azzjonarju ta' Cham Holding, kumpannija li wkoll hija s-suġġett ta' miżuri restrittivi, li huwa jiġi minn Rami Makhlouf, li huwa membru tal-familja tar-reġim, u li t-tnejn li huma huma membri tal-bord tad-diretturi ta' Cham Holding li tinsab taħt il-kontroll ta' dan tal-aħħar.

10 — C-376/10 P, EU:C:2011:786.

45. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza taċ-ċirki familjari fl-eżerċitar tal-poter, kemm politiku kif ukoll ekonomiku fis-Sirja, u dan għal għexur ta' snin. L-istudju tal-ħajja politika fis-Sirja u tal-eżerċitar tal-poter mill-klan ta' Assad[11] juri l-qsim li storikament sar bejn dawn il-familji l-kbar, fosthom il-familji Anbouba u Makhlouf, li huma affiljati ma' xulxin, kemm ta' pożizzjonijiet irjali fi ħdan il-poter (l-armata għall-klan ta' Assad) kif ukoll pożizzjonijiet importanti għas-servizz tal-ekonomija li ilha ċentralizzata għal żmien twil. Mal-mewt ta' Hafez Al-Assad u wara li parzjalment kien hemm mewġa ta' liberalizzazzjoni ekonomika, dawn il-familji assoċjati mar-reġim waslu biex, minbarra li jeżerċitaw kontroll fuq is-settur pubbliku ekonomiku, jiddominaw is-settur privat kollu.

46. Il-Kunsill jargumenta li, fil-kuntest ta' deċiżjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 29 TUE, b'mod konformi mad-dritt internazzjonali, l-Unjoni tista' tistabbilixxi preżunzjonijiet li fuqhom tista' tibbaża miżuri restrittivi kontra kategorija ta' persuni u entitajiet. Huwa jenfasizza li huwa bbaża fuq il-fatt li I. Anbouba jifforma parti minn grupp ristrett kompost mill-iktar diretturi ta' impriżi importanti fis-Sirja kif ukoll fuq il-fatt li l-impriżi tiegħu marru tajjeb taħt dak ir-reġim, kif ġie kkonstatat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 46 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 64 tas-sentenza T-592/11. Dawn iż-żewġ elementi jpoġġu lil I. Anbouba f'pożizzjoni distinta meta mqabbel ma' persuni oħrajn.

47. Sabiex jikkonfuta l-preżunzjoni, jeħtieġ li I. Anbouba jġib prova mhux biss li jopponi lir-reġim, iżda wkoll li huwa ma jinsabx f'pożizzjoni distinta meta mqabbel ma' persuni oħrajn, liema prova huwa ma ppreżentax.

48. Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-preżunzjoni, il-Kunsill jirreferi għall-punt 50 tas-sentenza T-592/11.

49. Fin-noti ta' intervent tagħha, il-Kummissjoni teżamina l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/522 li, fil-fehma tagħha, jiddistingwi erba' kategoriji ta' persuni u entitajiet li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi, jiġifieri dawk li huma responsabbli għar-ripressjoni vjolenti, dawk li jibbenefikaw mill-politika tar-reġim, dawk li jappoġġaw lir-reġim u dawk li huma konnessi mal-persuni u entitajiet preċedenti. Hija tfakkar, barra minn hekk, il-funzjonijiet ta' I. Anbouba (direttur ta' diversi kumpanniji, attiv f'diversi setturi, membru tal-bord tad-diretturi ta' Cham Holding, kopresedut minn Rami Makhlouf, kuġin tal-president Bachar Al-Assad, segretarju ġenerali tal-kamra tal-kummerċ u tal-industrija tal-belt ta' Homs). Il-Kummissjoni targumenta li r-regola ta' esperjenza komuni ma tagħmilx referenza għall-imprendituri kollha Sirjani, iżda għan-"negozjanti ewlenin fis-Sirja, li huma attiv[i] f'għadd kbir ta' oqsma".

50. Il-Kummissjoni tfakkar li preżunzjoni hija "mekkaniżmu ġuridiku li jikkonsisti fid-deduzzjoni ta' fatt inċert minn fatt ċert. Dan il-mekkaniżmu jintuża meta minħabba n-natura tal-fatt inċert ikun ferm diffiċli li jiġi stabbilit u dan ikun jirriżulta minn fatt li jkun iktar faċli li jiġi stabbilit"[12]. L-użu ta' dan il-mekkaniżmu huwa aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja, u l-Kummissjoni tiċċita, f'dan ir-rigward, is-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni[13], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 79, li "[a]nki jekk l-oneru legali tal-prova jaqa' [...] jew fuq il-Kummissjoni, jew inkella fuq l-impriża jew assoċjazzjoni kkonċernata, l-elementi fattwali invokati minn parti jistgħu jkunu ta' tali natura li jobbligaw lill-parti l-oħra biex tipprovdi spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni, u fin-nuqqas ta' dan jista' jiġi konkluż li l-oneru tal-prova ġiet sodisfatt".

11 — Il-Kunsill jirreferi, bħala eżempju, għall-pubblikazzjoni ta' Haddad, B., *Business Networks in Syria – The political economy of authoritarian resilience*, Stanford University Press, 2012.

12 — Hija tirreferi għad-definizzjoni ta' Cabrillac, R., *Dictionnaire du vocabulaire juridique*, it-tieni edizzjoni, Litec, Pariġi, 2004, p. 301.

13 — C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6.

51. Skont il-Kummissjoni, il-preżunzjoni hija paragunabbli għal medda ta' indizji, li ma jkunux irribattuti b'mod suffiċjenti mill-parti l-oħra. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem barra minn hekk tindika regolarment li l-prova "lil hinn minn kull dubju raġonevoli" tista' "tirriżulta minn medda ta' indizji, jew ta' preżunzjonijiet mhux ikkonfutati, li jkunu suffiċjentement gravi, preċiżi u konkordanti" [14], sabiex b'hekk tpoġġi fuq l-istess livell il-medda ta' indizji u l-preżunzjonijiet mhux ikkonfutati.

52. Il-preżunzjonijiet huma aċċettati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-qasam penali. Skont dik l-istess Qorti, l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jordna lill-Istati li jikkonfinawhom f'limiti raġonevoli, waqt li titqies il-gravità tal-kwistjoni u jitħarsu d-drittijiet ta' difiża [15]. Dawn huma aċċettati wkoll fil-qasam penali mill-Qorti tal-Ġustizzja [16]. *A fortiori*, preżunzjoni għandha tiġi aċċettata f'qasam bħal dak f'din il-kawża, li jkun jirrigwarda miżura ta' politika esterna u ta' sigurtà, li tkun suġġetta barra minn hekk għal stħarriġ li ma jistax ikun ristrett.

53. Skont il-Kummissjoni, deċiżjoni tista' tkun ibbażata fuq elementi ta' informazzjoni, bħal rapporti pubbliċi, artikli fl-istampa jew rapporti tas-servizzi ta' informazzjoni, u mhux fuq elementi ta' prova, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' poteri ta' investigazzjoni fi Stati terzi. Hija tenfasizza li l-adegwatezza tal-applikazzjoni ta' preżunzjoni hija kwistjoni ta' fatt u li tista' tkun suġġetta biss għal stħarriġ pjuttost eċċezzjonali fil-kuntest ta' appell.

54. Fir-rigward tal-allegata assenza ta' bażi ġuridika tal-preżunzjoni, il-Kummissjoni targumenta, l-ewwel nett, li anki jekk it-tieni sentenza tal-punt 32 tas-sentenza T-563/11 u tal-punt 42 tas-sentenza T-592/11 hija interpretazzjoni mill-Qorti Ġenerali tad-Deċiżjoni 2011/522, kif isostni I. Anbouba, ma jirriżultax li dik l-interpretazzjoni hija skorretta. Hija targumenta, fit-tieni lok, li huwa legalment żbaljat li jiġi sostnut li preżunzjoni għandha tkun prevista minn liġi. Effettivament, il-preżunzjonijiet "*de facto*" jirriżultaw minn prinċipji stabbiliti sew tal-evalwazzjoni tal-prova u huma aċċettati kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja. Finalment, is-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138) kienet tikkonċerna preżunzjoni għal kollox differenti dwar il-membri tal-familja ta' negozjant u r-rimarka tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 69 ta' dik is-sentenza, tagħti x'tifhem li din setgħet dehret disposta li tikkunsidra l-ammissibbiltà ta' tali preżunzjoni kieku kienet prevista mill-inqas fil-pożizzjoni komuni jew fir-Regolament inkwistjoni, li ma kienx il-każ. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-fatt li preżunzjoni ma tkunx prevista espliċitament fir-regolament rilevanti ma huwiex importanti, peress li l-preżunzjonijiet *de facto* ma humiex, mid-definizzjoni tagħhom stess, previsti minn liġi, u joperaw fuq livell konjittiv u mhux regolatorju.

55. Fir-rigward tan-natura allegatament sproporzjonata tal-preżunzjoni, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' I. Anbouba, ibbażat fuq preżunzjonijiet fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni. Hija targumenta li biex tinġieb prova ta' xi ħaġa, wieħed dejjem irid jaġixxi fuq il-bażi tar-regoli ta' esperjenza. Barra minn hekk, l-argument ta' I. Anbouba jinjora li la l-Kunsill u lanqas il-Qorti Ġenerali ma argumentaw favur preżunzjoni "ġenerali" li tapplika għal kull reġim. Il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq iċ-ċirkustanzi partikolari tar-reġim Sirjan, li ma humiex ikkontestati fil-kuntest tal-appelli. Il-Kummissjoni tenfasizza, barra minn hekk, li għall-kuntrarju tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kunsill ma għandux setgħa ta' investigazzjoni fit-territorju Sirjan u b'hekk għandu jibbaża ruħhu fuq indikazzjonijiet, liema ħaġa tiġġustifika aċċettazzjoni fuq bażi iktar wiesgħa tal-preżunzjonijiet f'qasam mhux penali. Finalment, il-Kummissjoni tirrileva li l-Qorti Ġenerali qieset il-kwistjonijiet (punt 40 tas-sentenza T-563/11 u l-punt 50 tas-sentenza T-592/11), b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

14 — Il-Kummissjoni tiċċita, b'mod partikolari, is-sentenza Öcalan vs It-Turkija [GC], Nru 46221/99, § 180, KEDB 2005-IV.

15 — Sentenza Salabiaku vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, § 28.

16 — Sentenza Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, EU:C:2009:806, punti 43 u 44).

56. Fir-rigward tan-natura allegatament inkonfutabbli tal-preżunzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li I. Anbouba żnatura s-sentenzi appellati. Effettivament, il-Qorti Ġenerali ma teżiġix li huwa juri li huwa opponent tar-reġim, iżda li huwa ma jappoġġax lir-reġim jew li ma jibbenefikax minnu. Hija tirrileva li l-appelli ma jikkontestawx l-evalwazzjonijiet li saru fil-punti 66 sa 76 tas-sentenza T-592/11. Il-fatt li tali prova tista' tkun diffiċli biex tingħata fir-rigward ta' negozjant importanti attiv f'diversi setturi jista' jgħin biex il-preżunzjoni titqies li hija ta' natura adegwata (il-preżunzjoni tassumi regola ta' esperjenza komuni li hija suġġetta għal ftit eċċezzjonijiet jew kważi ebda), u mhux il-kuntrarju.

57. B'risposta għan-noti ta' intervent tal-Kummissjoni, I. Anbouba jirrileva li l-Kummissjoni tiddistingwi bejn erba' kategoriji ta' persuni/entitajiet li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi, filwaqt li l-Avukat Ġenerali Mengozzi kien iddistingwa biss tlieta fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2011:786). Huwa jargumenta li huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ jekk il-preżunzjoni għandhiex bażi legali, inkwantu r-regola ta' esperjenza komuni ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' elementi allegatament magħrufa, iżda mhux iġġustifikati. I. Anbouba jikkontesta, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet li dderivaw il-Kunsill u l-Kummissjoni mill-elementi li jikkonċernawh:

— ma huwiex stabbilit li huwa seta' jinfluwenza l-aġir ta' Cham Holding u ma ġietx ikkunsidrata r-riżenja tiegħu, f'April 2011, minn dik il-kumpannija, waqt li l-inklużjoni ta' persuna fiżika, minħabba r-rabtiet tagħha ma' persuna jew entità li tkun imniżżla fuq il-lista, ma tistax tkun ibbażata fuq preżunzjonijiet mhux issostanzjati mill-aġir tal-persuna kkonċernata[17];

— fir-rigward tal-kwalità tiegħu bħala segretarju ġenerali tal-kamra tal-kummerċ u tal-industrija tal-belt ta' Homs (bejn l-2005 u l-2008), I. Anbouba jargumenta li funzjonijiet preċedenti ma jistgħux jiġġustifikaw inklużjoni fuq lista[18]. I. Anbouba jippreċiża, barra minn hekk, li huwa kien ġie elett għal din il-kariga wara li kkompeta kontra kandidat ieħor li huwa membru tal-familja tar-reġim;

— rigward id-diversità tal-investimenti tiegħu f'diversi setturi ekonomiċi mhux relatati, I. Anbouba jargumenta li din ma tikkostitwixxix prova fiha nfisha ta' appoġġ lir-reġim; u

— rigward il-konnessjonijiet mal-familja tal-president Sirjan, I. Anbouba jargumenta li l-Kummissjoni probabbilment tirreferi għall-pubblikazzjoni ċċitata mill-Kunsill, li talludi għal xi familji kbar assoċjati mal-klan ta' Assad; huwa jirrileva li dik il-pubblikazzjoni ġiet iċċitata biss matul il-proċedura tal-appell u li huwa ma setax jeżerċita d-drittijiet ta' difiża tiegħu f'dan ir-rigward; huwa jinnota, fi kwalunkwe każ, li huwa ma kienx jissemma f'dik il-pubblikazzjoni.

58. Il-Kunsill ma ppreżentax osservazzjonijiet dwar in-noti ta' intervent ippreżentati mill-Kummissjoni.

B – *Fuq it-tieni motiv*

59. I. Anbouba jargumenta li, fin-nuqqas ta' preżunzjoni, il-Kunsill kellu jressaq provi bħala bażi għad-deċiżjoni tiegħu li jinkludih fil-lista ta' persuni li huma suġġetti għall-miżuri restrittivi kontra s-Sirja. Huwa jsostni li billi ħelset lill-Kunsill mill-obbligu li jressaq provi jew raġunijiet li jiġġustifikaw il-fatt li ma żvelax dawk l-elementi u billi aċċettat li d-deċiżjoni tiegħu tkun ibbażata esklużivament fuq preżunzjoni li ma tistax tintuża regolarment, il-Qorti Ġenerali naqset milli tippenalizza ksur ċar tal-prinċipju tal-kontradittorju u tad-drittijiet ta' difiża tiegħu.

17 — Ara s-sentenza Sedghi u Azizi vs Il-Kunsill (T-66/12, EU:T:2014:347, punt 69).

18 — Ara s-sentenza Alchaar vs Il-Kunsill (T-203/12, EU:T:2014:602, punt 155).

60. Fuq il-bażi tas-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi[19], I. Anbouba jikkunsidra li, anki jekk il-Kunsill kellu l-possibbiltà li ma jinformahx dwar il-provi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu għal raġunijiet imperattivi li jolqtu s-sigurtà jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali, huwa kellu, minn naħa, jikkomunikahom lill-Qorti Ġenerali sabiex din tkun tista' tevalwahom u, min-naħa l-oħra, jiġġustifika l-eżistenza tar-raġunijiet li jopponu li dawk il-provi jiġu kkomunikati lil I. Anbouba.

61. Il-Kunsill ma jieħu ebda pożizzjoni dwar dan it-tieni motiv.

62. Il-Kummissjoni targumenta li l-preżunzjoni tissostitwixxi l-iskop tal-prova. Il-fatti magħrufa kienu s-sitwazzjoni personali ta' I. Anbouba u l-karatteristiċi tar-reġim Sirjan. Peress li dawk il-fatti ma kinux ikkontestati, ma kienx neċessarju li jiġu kkomunikati provi addizzjonali lill-Qorti Ġenerali.

63. Hija tirrileva li s-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518), invokata minn I. Anbouba, ma hijiex rilevanti. Effettivament, il-kawża li tat lok għal dik is-sentenza tittratta dwar it-terroriżmu, fejn ir-rekwiżiti ta' prova huma differenti. F'dik il-kawża, il-persuna kkonċernata mill-miżura restrittiva ċaħdet il-fatti kollha u l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq elementi ta' informazzjoni jew preżunzjonijiet li l-bażi fattwali tagħhom taqa' taħt id-dominju pubbliku jew li hija aċċettata minn dik il-persuna. Għall-kuntrarju, is-sentenza Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft[20] kienet turi s-sitwazzjoni li fiha l-elementi li jistabbilixxu r-realtà tal-motivi sostnuti kontra l-persuna ġuridika inkwistjoni ma kinux ikkontestati u jirriżultaw minn dokumenti pubbliċi. B'hekk, f'dawk iċ-ċirkustanzi, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill ma kienx obbligat li jistabbilixxi l-prova tal-attività ta' Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (iktar 'il quddiem "Kala Naft") permezz ta' elementi oħrajn[21].

## VII – **L-evalwazzjoni tiegħi**

64. Għalkemm huma ppreżentati b'mod separat minn I. Anbouba, iż-żewġ aggravji mqajma minn dan tal-aħħar f'kull appell huma, fil-fehma tiegħi, marbuta ma' xulxin mill-qrib.

65. Effettivament, permezz tal-ewwel aggravju, I. Anbouba jargumenta li s-sempliċi kwalità tiegħu bħala negozjant importanti fis-Sirja ma tippermettix lill-Kunsill li japplika fil-konfront tiegħu preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim ta' Bachar Al-Assad. Huwa tal-fehma li, u dan huwa s-suġġett tat-tieni aggravju, il-Kunsill kellu jressaq provi ulterjuri insostenn tal-inklużjoni tiegħu fuq il-lista tal-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, sabiex juri li huwa kien jappoġġa lir-reġim Sirjan.

66. Skont I. Anbouba, billi kkuntenta ruħu bil-kwalità tiegħu bħala negozjant importanti fis-Sirja u billi ma talabx provi addizzjonali, il-Kunsill qaleb l-oneru tal-prova billi tefa' fuqu l-piż li jressaq prova negattiva li huwa ma kienx jagħti appoġġ lir-reġim ta' Bachar Al-Assad.

67. Għalkemm, fil-kuntest ta' dawn l-appelli, I. Anbouba indika li huwa ma kienx qiegħed jikkontesta, *per se*, l-użu tal-preżunzjoni bħala mezz ta' prova, huwa madankollu jippreċiża kif preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim ta' Bachar Al-Assad ma setgħetx tiġi applikata għalih. Effettivament, fil-fehma tiegħu, tali preżunzjoni hija nieqsa minn bażi legali, hija sproporzjonata u inkonfutabbli.

68. Fil-qosor, iż-żewġ aggravji mqajma minn I. Anbouba huma intiżi biex jikkontestaw il-mod kif il-Qorti Ġenerali evalwat jekk ir-regoli dwar l-oneru tal-prova fir-rigward ta' miżuri restrittivi kinux ġew irrispettati, billi rrikonoxxiet l-eżistenza ta' preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim Sirjan fir-rigward tiegħu u b'hekk ma talbitx lill-Kunsill li jipprovdi provi supplimentari sabiex jissostanzja l-eżistenza ta' dak l-appoġġ.

19 — C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518.

20 — C-348/12 P, EU:C:2013:776.

21 — Punti 89 u 105.

69. Minħabba r-rabta mill-qrib bejn iż-żewġ aggravji ssollevati minn I. Anbouba f'kull wieħed mill-appelli, ser neżaminahom flimkien.

70. Fuq bażi preliminari, għandu jiġi ċċarat sew x'jaqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura ta' appell.

71. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-allegat ksur tar-regoli applikabbli fir-rigward tal-provi jikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li hija ammissibbli fl-istadju ta' appell[22].

72. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "inkwantu jirrigwardaw l-evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tal-provi ppreżentati lilha, l-ilmenti tar-rikorrent ma jistgħux jiġu eżaminati fil-kuntest ta' appell. Min-naħa l-oħra, huwa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika jekk, meta għamlet dik l-evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi billi kisret il-prinċipji ġenerali tal-liġi, bħall-preżunzjoni tal-innoċenza, u r-regoli applikabbli fil-qasam tal-provi, bħal dawk relatati mal-oneru tal-prova"[23] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

73. B'hekk, "il-kwistjoni tat-tqassim tal-oneru tal-prova, għalkemm jista' jkollha effett fuq il-konstatazzjonijiet fattwali li jsiru mill-Qorti Ġenerali, tikkostitwixxi punt ta' liġi"[24] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

74. Fid-dawl ta' dik il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika, fil-kuntest ta' dawn l-appelli, jekk il-Qorti Ġenerali kisritx jew le r-regoli dwar it-tqassim tal-oneru tal-prova fil-qasam ta' miżuri restrittivi.

75. Fl-ewwel lok, għandhom jitfakkru, permezz tal-eżami ta' tliet sentenzi, ir-regoli li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fir-rigward tal-oneru tal-prova fil-qasam ta' miżuri restrittivi. Sussegwentement, fit-tieni lok, ser neżamina jekk ir-raġunament żviluppat mill-Qorti Ġenerali huwiex kompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## A – *Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova fil-qasam ta' miżuri restrittivi*

76. Fl-istadju attwali tal-evoluzzjoni tal-kawżi dwar miżuri restrittivi, insibu l-indikazzjonijiet prinċipali dwar ir-regoli relatati mal-oneru tal-prova fis-sentenzi Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138), Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518) u Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (EU:C:2013:776).

### 1. Is-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill

77. Is-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138) tirrigwarda l-miżuri restrittivi stabbiliti kontra r-Repubblika tal-Unjoni ta' Mjanmar. Miżuri ta' ffriżar ta' fondi kienu ġew adottati kontra persuni li jiggwadanjaw mill-politika ekonomika tal-Gvern. L-isem tar-rikorrent flimkien mal-informazzjoni "Iben Tay Za" u isem missieru, Tay Za, kien akkumpanjat bir-raġuni li huwa kien direttur ta' impriżi li jinsabu fuq il-listi ta' persuni li l-fondi tagħhom kienu ġew iffriżati.

78. Ir-rikorrent ikkontesta l-fatt li s-sempliċi kwalità tiegħu bħala membru tal-familja ta' direttur ta' impriżi tista' titqies li hija suffiċjenti biex tiġġustifika l-inklużjoni tiegħu.

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Sentenza Hüls vs Il-Kummissjoni (C-199/92 P, EU:C:1999:358, punt 65).

24 — Sentenza BAI u Il-Kummissjoni vs Bayer (C-2/01 P u C-3/01 P, EU:C:2004:2, punt 61).

79. Peress li l-miżuri restrittivi inkwistjoni ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li taħthom persuna tista' tkun suġġetta għal miżura ta' ffriżar tal-fondi tagħha abbażi ta' dawk l-artikoli.

80. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija kienet diġà ddeċidiet, fis-sentenza tagħha Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [25], li "fid-dawl tal-kliem tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, b'mod partikolari tal-kliem, 'għar-rigward tal-pajjiżi terzi inkwistjoni' u 'ma' xi pajjiż terz wieħed jew iktar' li jinsabu fihom, dawn id-dispożizzjonijiet ikopru l-adozzjoni ta' miżuri kontra pajjiżi terzi, peress li dan l-aħħar kunċett jista' jinkludi l-mexxejja ta' tali pajjiż kif ukoll individwi u entitajiet li huma assoċjati ma' dawn il-mexxejja jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom" [26].

81. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fil-punt 55 tas-sentenza tagħha Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138), li "ma huwiex eskluż li l-mexxejja ta' ċerti impriżi jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE *sakemm jintwera li huma assoċjati mal-mexxejja tar-Repubblika tal-Unjoni tal-Mjanmar jew li l-attivitajiet ta' dawn l-impriżi jiddependu minn dawn il-mexxejja*" [27].

82. Fil-kuntest tal-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, iben direttur ta' impriżi li kien jinsab fuq il-lista inkwistjoni kien milqut bil-miżura ta' ffriżar tal-fondi tiegħu għas-sempliċi raġuni li huwa kien jappartjeni għall-familja ta' persuna li setgħet titqies li hija assoċjata mal-mexxejja tar-Repubblika tal-Unjoni ta' Mjanmar. Effettivament, il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet li huwa permess li wieħed jassumi li l-membri tal-familja tad-diretturi ta' impriżi jistgħu jieħdu vantaġġ mill-funzjoni mwettqa minn dawn id-diretturi ta' impriżi b'mod li xejn ma kien jipprekludi l-konklużjoni li dawn kienu jibbenefikaw huma wkoll mill-politika ekonomika tal-gvern. Il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet ukoll li din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata jekk l-appellant juri li ma għandux rabta stretta mad-direttur ta' impriża li huwa parti mill-familja tiegħu.

83. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-miżuri restrittivi, abbażi ta' miżuri restrittivi mmirati u selettivi li jikkonċernaw ċerti kategoriji ta' persuni meqjusa bħala assoċjati mar-reġim inkwistjoni mill-Kunsill, inkluż il-membri tal-familja tal-mexxejja ta' impriżi importanti tal-pajjiż terz ikkonċernat, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 60 KE u 301 KE.

84. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta rraġunat b'dak il-mod, il-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi.

85. Waqt li ammettiet li hija kienet, fil-punt 166 tas-sentenza Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2008:461), ipproċediet għal interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, inkwantu kienet inkludiet fil-kunċett ta' "pajjiż terz" li jinsab fl-imsemmija artikoli l-mexxejja ta' dawk il-pajjiżi kif ukoll l-individwi u l-entitajiet li huma assoċjati ma' dawk il-mexxejja jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ppreċiżat li dik l-interpretazzjoni kien suġġetta għal kundizzjonijiet intiżi biex jiżguraw applikazzjoni tal-Artikoli 60 KE u 301 KE li tkun konformi mal-għan assenjat lilhom.

86. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, bħala miżuri restrittivi kontra pajjiżi terzi, il-miżuri kontra persuni fiżiċi għandhom jikkonċernaw biss lill-mexxejja ta' dawn il-pajjiżi u l-persuni li huma assoċjati ma' dawn il-mexxejja.

25 — C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461.

26 — Sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Korsiv miżjud minni.

87. Fil-fehma tagħha, dan ir-rekwiżit jiżgura l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuni kkonċernati u l-pajjiż terz li jkun il-mira tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni, billi jipprekludi li l-Artikoli 60 KE u 301 KE jkunu s-suġġett ta' interpretazzjoni wiesgħa ħafna u, għalhekk, kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

88. Il-Qorti Ġenerali b'hekk ġiet ikkritikata mill-Qorti tal-Ġustizzja li wessgħet il-kategorija ta' persuni fiżiċi li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi mmirati billi assumiet li l-membri tal-familja tad-diretturi ta' impriżi importanti jiggwadanjaw ukoll mill-politika ekonomika tal-gvern. F'dan ir-rigward, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni ta' tali miżuri għal persuni fiżiċi biss minħabba li jkunu membri tal-familja ta' persuni li huma assoċjati mal-mexxejja tal-pajjiżi terzi kkonċernati u indipendentement mill-aġir personali tagħhom tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikoli 60 KE u 301 KE.

89. Fil-fehma tagħha, effettivament, ma huwiex faċli li tiġi stabbilita konnessjoni, anki indiretta, bejn in-nuqqas ta' progress miksub fil-proċess lejn id-demokrazija u l-persistenza ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fi Mjanmar u l-aġir tal-membri tal-familja tad-diretturi ta' impriżi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tirrestrinġi l-kategoriji ta' persuni li jistgħu jintlaqtu minn miżuri restrittivi mmirati għal dawk fejn il-konnessjoni mal-pajjiżi terzi inkwistjoni tkun meħtieġa b'mod ċar, jiġifieri għall-mexxejja ta' pajjiżi terzi u għall-individwi li huma assoċjati ma' dawk il-mexxejja.

90. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li l-kriterju użat mill-Qorti Ġenerali għall-inklużjoni tal-membri tal-familja tad-diretturi ta' impriżi huwa bbażat fuq preżunzjoni li la kienet prevista fir-Regolament (KE) Nru 194/2008[28], u lanqas fil-Pożizzjonijiet Komuni 2006/318/PESK[29] u 2007/750/PESK[30], li dan jirreferi għalihom, u li ma jissodisfax l-għan ta' dan ir-regolament.

91. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet f'dan ir-rigward li "miżura ta' ffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill-appellant setgħet biss tiġi adottata, fil-kuntest ta' regolament intiż li jissanzjona pajjiż terz fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, *fuq il-bażi ta' elementi preċiżi u konkreti li jistabbilixxu li dan l-appellant jieħu vantaġġ mill-politika ekonomika tal-mexxejja tar-Repubblika tal-Unjoni tal-Mjanmar*"[31].

92. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138), huwa fformulat madwar il-bażijiet ġuridiċi li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien, jiġifieri l-Artikoli 60 KE u 301 KE. Madankollu, jidhirli li l-iżviluppi prinċipali ta' dik is-sentenza għadhom rilevanti.

93. Effettivament, il-kwistjoni dwar il-portata tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżuri adottati kontra Stat terz li ttieħdu fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE ċertament ġiet mitigata minn meta l-Artikolu 215(2) TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux statali. Madankollu, l-interess tal-iżviluppi li jinsabu f'dik is-sentenza, b'mod partikolari fir-rigward tan-neċessità għall-Kunsill li juri l-eżistenza ta' konnessjoni suffiċjenti bejn il-persuna inkluża fil-lista u r-reġim tal-Istat terz inkwistjoni, ma ntilifx kompletament, peress li l-kontenut tal-Artikolu 301 KE essenzjalment jinsab fl-Artikolu 215(1) TFUE.

28 — Regolament tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 (ĠU L 66, p. 1).

29 — Pożizzjoni komuni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2006 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/il-Mjanmar (ĠU L 116, p. 77).

30 — Pożizzjoni komuni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2007 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/318 (ĠU L 308, p. 1).

31 — Korsiv miżjud minni.

94. Fil-fehma tiegħi, xejn ma jeskludi li din l-aħħar dispożizzjoni tista' sservi, kif kien il-każ qabel għall-Artikoli 60 KE u 301 KE, bħala bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri kontra l-mexxejja ta' Stati terzi kif ukoll persuni assoċjati magħhom. L-Artikolu 215(2) TFUE b'hekk kien jirrigwarda lill-persuni li ma jistgħux jitqiesu li huma assoċjati ma' Stat terz, liema ħaġa, barra minn hekk, hija koerenti mad-diċitura ta' dik id-dispożizzjoni li tirrigwarda lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kif ukoll il-gruppi u l-entitajiet "mhux statali".

95. F'dan il-każ, ir-regolamenti inkwistjoni f'dawn il-kawżi ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 TFUE, mingħajr ma huwa ppreċiżat jekk il-miżuri ta' ffriżar ta' fondi adottati kontra persuni meqjusa li huma assoċjati mar-reġim Sirjan humiex hekk abbażi tal-paragrafu 1 jew tal-paragrafu 2 ta' dak l-artikolu.

96. Hu x'inhu l-każ, l-importanti hu li wieħed jiftakar li d-dispożizzjonijiet essenzjali tas-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138) għadhom applikabbli, anki wara li ġew stabbiliti bażijiet ġuridiċi ġodda għall-Artikolu 215(1) u (2) TFUE.

97. B'hekk, dik is-sentenza turi l-fatt li "d-diffikultà prinċipali li tqum fil-qasam ta' miżuri restrittivi individwali li jkunu immirati formalment kontra Stat tinsab fid-definizzjoni tal-kriterju ta' konnessjoni tal-mira reali individwali mal-mira formali statali" [32].

98. F'dawn ir-rigward, id-dispożizzjoni essenzjali tal-imsemmija sentenza hija li, inkwantu l-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali dwar miżuri restrittivi inkwistjoni huwa bbażat fuq konnessjoni li tgħaqqad lil kategorija ta' persuni mar-reġim tal-Istat terz ikkonċernat, bħall-fatt li jiggwadanjaw mill-politika ekonomika mħaddna minn dak ir-reġim, il-Kunsill huwa obbligat, meta japplika dak il-kriterju ta' inklużjoni, li juri l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuna li jkun għażel li jinkludi fil-lista u dak ir-reġim. Fil-fatt, huwa abbażi ta' din il-kundizzjoni li l-inklużjoni ta' persuna fuq lista ta' ffriżar ta' fondi tista' titqies li hija adattata biex jintlaħaq l-għan politiku mfittex mill-Kunsill.

99. B'mod partikolari, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li d-diretturi ta' ċerti impriżi jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi, dan huwa bil-kundizzjoni li jkun stabbilit li huma jkunu assoċjati mal-mexxejja tal-Istat terz inkwistjoni jew li l-attivitajiet ta' dawk l-impriżi jkunu jinsabu taħt id-dipendenza ta' dawk il-mexxejja [33].

100. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk ma tikkuntentax ruħha b'allegazzjoni mhux issostanzjata minn elementi ta' informazzjoni u ta' prova. Fin-nuqqas ta' elementi preċiżi u konkreti li jippermettu li jiġi stabbilit li persuna tiggwadanja mill-politika ekonomika mħaddna mill-mexxejja ta' Stat terz, ir-rabta suffiċjenti mar-reġim ma tkunx teżisti u l-inklużjoni b'hekk ikollha tiġi annullata [34].

32 — Ara Beaucillon, C., *op. cit.*, p. 131.

33 — Sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138, punt 55).

34 — Ara Simon, D., "Mesures restrictives (Myanmar)", *Revue Europe*, Mejju 2012, Nru 5, comm. 174, li jirrileva li "s-soluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [...] għandha [...] l-effett li tillimita l-kategorija ta' persuni li jistgħu jkunu inklużi billi timponi rabta ta' ċerta intensità".

101. Kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem fid-dettall, huwa evidenti li, fil-kuntest ta' dawn l-appelli, ir-rabta bejn I. Anbouba u r-reġim Sirjan hija b'mod sinjifikattiv iktar stretta u b'hekk ma tipprestax ruħha għall-istess sanzjonijiet bħal dawk irrilevati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138). Għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, il-Kunsill wera li I. Anbouba kien jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju ta' inklużjoni, jiġifieri kien jappartjeni, bħala negozjant importanti fis-Sirja, għall-kategorija ta' persuni li jiggwadanjaw mill-politika mħaddna mir-reġim Sirjan jew li jappoġġaw lil dan tal-aħħar [35].

2. Is-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi

102. Is-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518) tirrigwarda l-miżuri restrittivi adottati kontra persuni u entitajiet b'rabta ma' Oussama ben Laden, man-netwerk Al-Qaida u mat-Taliban.

103. Skont il-ġurisprudenza li ħarġet minn dik is-sentenza, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantita mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea teżiġi, b'mod partikolari, li, "skont l-istħarriġ tal-legalità tar-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li jiġi inkluż jew li jinżamm l-isem ta' persuna partikolari [fil-lista ta' persuni kkonċernati mis-sanzjonijiet], il-qorti tal-Unjoni tiżgura li din id-deċiżjoni […] tistrieħ fuq *bażi fattwali solida biżżejjed* […]. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li huma l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni […], b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tar-realtà astratta tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-punt jekk *dawn il-motivi*, jew, għall-inqas wieħed minnhom ikkunsidrat bħala suffiċjenti fih innifsu sabiex isostni din l-istess deċiżjoni, *humiex sostnuti*" [36].

104. Fil-każ ta' kontestazzjoni, hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha l-oneru li tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna kkonċernata, u mhux din tal-aħħar għandha tipproduċi prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza ta' dawn il-motivi. Huwa importanti li l-informazzjoni jew il-provi mressqa mill-awtorità inkwistjoni jissostanzjaw il-motivi meqjusa kontra l-persuna kkonċernata. Jekk dawn l-elementi ma jippermettux li tiġi kkonstatata l-fondatezza ta' motiv, il-qorti tal-Unjoni għandha tiċħad dak il-motiv bħala bażi għad-deċiżjoni ta' inklużjoni jew żamma tal-inklużjoni inkwistjoni [37].

105. B'hekk, "[i]r-rispett [tad-drittijiet ta' difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva] jimplika […] li, fil-każ ta' kontestazzjoni ġudizzjarja, il-qorti tal-Unjoni tistħarreġ, b'mod partikolari, in-natura suffiċjentement preċiża u konkreta tar-raġunijiet invokati [insostenn tad-deċiżjoni ta' inklużjoni jew ta' żamma tal-inklużjoni] kif ukoll, jekk ikun il-każ, *in-natura stabbilita tal-materjalità tal-fatti* li jikkorrispondu mal-motiv ikkonċernat fid-dawl tal-elementi li ġew ikkomunikati" [38].

106. B'rabta ma' sitwazzjoni ta' negozjanti importanti f'reġim awtoritarju, tali rekwiżit huwa relatat, fil-fehma tiegħi, ma' dak iffurmulat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 55 tas-sentenza tagħha Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138), jiġifieri li "ma huwiex eskluż li l-mexxejja ta' ċerti impriżi jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi […] *sakemm jintwera li* huma assoċjati mal-mexxejja [tal-pajjiż terz ikkonċernat] jew li l-attivitajiet ta' dawn l-impriżi jiddependu minn dawn il-mexxejja" [39].

35 — Fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2011:786), l-Avukat Ġenerali Mengozzi ddeskriva b'dan il-mod ir-rabta bejn missier ir-rikorrent, li kien direttur ta' impriżi, u r-reġim tal-Istat terz inkwistjoni: "F'dan il-każ, kien jidher diġà, skont evalwazzjoni tal-Kunsill li ma għandhiex tiddaħħal fid-diskussjoni, li missier l-appellant huwa assoċjat mar-reġim Birman mingħajr ma jappartjeni, b'daqshekk, lill-gvern innifsu. Il-kwalità tiegħu ta' 'persuna assoċjata' mar-reġim Birman tirriżulta mill-benefiċji reali li huwa ħa mill-politika ekonomika Birmana permezz taż-żewġ kumpanniji li huwa jmexxi, u huwa f'dan is-sens li r-rabta li tgħaqqdu ma' dak ir-reġim tidher biżżejjed. Xorta jibqa' l-fatt li, dejjem f'dak li jirrigwarda lil missier l-appellant, din ir-rabta, għalkemm suffiċjenti, hija qabelxejn waħda indiretta, għaliex huwa deskritt bħala l-benefiċjarju passiv ta' politika ekonomika li huwa ma jiddeċidix dwarha."

36 — Punt 119. Korsiv miżjud minni.

37 — Punti 121 sa 123.

38 — Punt 136. Korsiv miżjud minni.

39 — Korsiv miżjud minni.

107. F'dan ir-rigward, sabiex titqies li hija suffiċjenti, il-prova ta' konnessjoni bejn il-persuna inkluża u r-reġim tal-Istat terz inkwistjoni għandha tkun imsejsa fuq bażi li tkun fattwalment soda biżżejjed.

108. Kif ser naraw iktar 'il quddiem, il-bażi fattwali hija, fil-kuntest tal-kawżi li taw lok għal dawn l-appelli, komposta kemm minn fatti magħrufa kif ukoll minn fatti mhux ikkontestati, b'mod li l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn I. Anbouba u r-reġim Sirjan setgħet titqies li ġiet stabbilita.

3. Is-sentenza Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft

109. Għandha tissemma s-sentenza Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (EU:C:2013:776), għaliex din tapplika, fil-qasam ta' miżuri restrittivi li jirrigwardaw Stat terz, żviluppi li jinsabu fis-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518), li tikkonċerna miżuri kontra t-terroriżmu.

110. L-interess l-ieħor ta' dik is-sentenza importanti huwa li mhux biss tiġi stabbilita n-natura preventiva tal-miżuri restrittivi mingħajr ma jiġu dderivati konsegwenzi, iżda wkoll li titqies bis-sħiħ dik in-natura fl-eżami tagħha tal-fondatezza tal-miżura ta' ffriżar ta' fondi kkontestata.

111. In-natura preventiva u mhux ripressiva tal-miżuri restrittivi naturalment tinfluwixxi fuq in-natura, il-mod u l-intensità tal-prova li tista' tintalab mingħand il-Kunsill.

112. Il-kawża kienet tirrigwarda l-inklużjoni ta' Kala Naft fuq il-lista tal-persuni u entitajiet li l-fondi tagħhom huma ffriżati minħabba li jagħtu appoġġ għall-attivitajiet nukleari tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew żvilupp ta' vetturi ta' armi nukleari. Kala Naft hija kumpannija Iranjana proprjetà tan-National Iranian Oil Company (iktar 'il quddiem "NIOC") u li għandha bħala funzjoni li taġixxi bħala korp ċentrali tal-akkwisti għall-attivitajiet taż-żejt, tal-gass u petrokimiċi tal-grupp ta' NIOC.

113. Fil-konklużjonijiet li ppreżentajt fil-kuntest ta' dik il-kawża, jiena enfasizzajt in-natura preventiva tal-miżuri restrittivi li jirrigwardaw ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran u l-konsegwenzi li għandhom jiġu dderivati f'termini ta' provi. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, jiena osservajt li meta, fuq il-bażi tal-kumpless tal-elementi tal-proċess u tal-kuntest li jkollha f'idejha, il-qorti tal-Unjoni tkun f'pożizzjoni li tikkonstata li r-riskju li toħloq persuna jew entità fir-rigward tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari huwa stabbilit b'mod suffiċjenti, din il-persuna jew din l-entità tista', ġustament, titqies li tipprovdi appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari u għalhekk, tkun milquta minn miżura ta' ffriżar tal-fondi.

114. Jidhirli li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taqa' taħt dan l-approċċ.

115. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel lok eżaminat il-mod kif il-Qorti Ġenerali kienet identifikat u interpretat ir-regoli ġenerali tat-testi applikabbli qabel ma ddeċidiet, b'mod partikolari, dwar il-mod kif kienet stħarrġet il-motivazzjoni u l-fondatezza tal-atti inkwistjoni.

116. Fir-rigward tar-regoli ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja telqet mill-konstatazzjoni doppja segwenti. Minn naħa, dawk ir-regoli ġenerali kienu jistabbilixxu rabta bejn l-akkwist ta' oġġetti u teknoloġiji pprojbiti, f'dan il-każ l-akkwist ta' apparat u teknoloġija importanti għas-setturi essenzjali tal-industrija taż-żejt u tal-gass naturali fl-Iran, u għall-proliferazzjoni nukleari [40].

40 — Punti 76 u 77.

117. Min-naħa l-oħra, ir-regoli ġenerali kienu jsemmu bħala kriterju ta' inklużjoni l-parteċipazzjoni, l-assoċjazzjoni diretta jew l-appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-kunċett ta' 'appoġġ' jimplika livell ta' konnessjoni mal-attivitajiet nukleari tal-Iran inqas mill-kunċetti ta' 'parteċipazzjoni' u ta' 'assoċjazzjoni diretta', u li hija tista' tkopri l-kisba jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti u ta' teknoloġiji marbuta mal-industrija tal-gass u taż-żejt"[41]. Sabiex tikkorrobora din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni diversi atti li jsemmu d-dħul tas-settur tal-enerġija u r-riskju marbut mal-materjal iddestinat għall-industrija taż-żejt u tal-gass. Dawn l-elementi ppermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkonstata li "l-atti kontenzjużi kienu jirrigwardaw l-industrija taż-żejt, tal-gass u petrokimiċi Iranjani minħabba r-riskju li din l-industrija kienet tippreżenta għall-proliferazzjoni nukleari, kemm mid-dħul li hija kienet tiġġenera kif ukoll mill-użu tal-materjal u tal-materjali simili għal dawk użati f'ċerti attivitajiet sensittivi taċ-ċiklu tal-kombustibbli nukleari"[42].

118. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li "l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward ta' entità presupposta [tippresupponi] li kienet adottat minn qabel imġiba gravi effettiva, [peress li] bir-riskju biss li l-entità kkonċernata tadotta aġir tali fil-futur ma huwiex suffiċjenti"[43]. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet differenti tal-atti kontenzjużi li jipprovdu għall-iffriżar ta' fondi huma redatti b'mod ġenerali ("kienu involuti fi, assoċjati direttament ma, jew jipprovdu appoġġ [...]"), mingħajr referenza għall-aġir minn qabel għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi"[44]. B'hekk jirriżulta, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li "anki jekk huma jipprovdu għal entità determinata, ir-referenza għal għan ġenerali hekk kif żvelat mill-istatus ta' din l-entità tista' tkun suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi"[45].

119. Kien fid-dawl tar-regoli ġenerali li jiddefinixxu l-kriterju ta' inklużjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement ikkunsidrat li l-ewwel motiv ta' inklużjoni, skont liema Kala Naft tikkummerċjalizza apparat għas-setturi taż-żejt u tal-gass li jista' jintuża għall-programm nukleari Iranjan, kien preċiż u konkret biżżejjed biex jippermetti lil Kala Naft li tivverifika l-fondatezza tal-atti inkwistjoni, li tiddefendi ruħha quddiem il-Qorti Ġenerali u sabiex din tal-aħħar teżerċita l-kontroll tagħha. Fir-rigward tal-fondatezza tal-miżura u, b'mod iktar partikolari, il-materjalità tal-fatti allegati fl-ewwel motiv, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, dejjem fid-dawl tar-regoli ġenerali li jiddefinixxu l-kriterju ta' inklużjoni, li "l-Kunsill kellu d-dritt jikkunsidra li jiġu adottati miżuri fir-rigward ta' Kala Naft sa fejn din ikkummerċjalizzat tagħmir għas-settur taż-żejt u tal-gass li jista' jiġi użat għall-programm nukleari Iranjan"[46].

120. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-bażi fattwali segwenti, jiġifieri li Kala Naft hija ċ-ċentru ta' xiri tal-grupp tal-kumpannija taż-żejt nazzjonali Iranjana, NIOC. Hija rrilevat li dan jinsab fl-istatuti ta' dik il-kumpannija u ma kienx ikkontestat minnha. Kala Naft stess iddikjarat li l-missjoni tagħha li hija esklużivament fl-oqsma taż-żejt, tal-gass u tal-petrokimika tirriżulta b'mod ċar mill-metodi ta' ħidma tagħha[47]. Barra minn hekk, Kala Naft indikat hija stess li hija kienet tikkompeti, b'mod abitwali, fl-akkwist ta' bibien tal-liga għal NIOC jew għas-sussidjarji tagħha[48].

121. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fatti allegati fl-ewwel motiv seħħew b'mod suffiċjenti skont il-liġi u li dan l-ewwel motiv jiġġustifika fih innifsu l-inklużjoni fil-listi tal-atti kontenzjużi.

41 — Punt 80.
42 — Punt 112.
43 — Punt 84.
44 — Punt 85.
45 — *Idem.*
46 — Punt 88.
47 — Punt 89.
48 — Punt 90.

122. Fil-punt 105 tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll, fir-rigward tal-elementi li jistabbilixxu r-realtà tal-motivi sostnuti fil-konfront ta' Kala Naft, li l-funzjoni ta' ċentrali ta' xiri tal-grupp ta' NIOC li hija teżerċita tirriżulta kemm mill-istatuti tagħha kif ukoll mill-fuljetti li hija tippubblika. Il-Kunsill b'hekk ma huwiex marbut li jistabbilixxi l-prova tal-attività ta' Kala Naft permezz ta' elementi oħra.

123. Din is-sentenza hija importanti għaliex turi li r-rekwiżit li ġie pprovat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518) f'termini ta' grad ta' prova ma jwassalx sistematikament għall-annullament tal-miżuri ta' ffriżar tal-fondi. Fil-fatt, il-kunċett ta' "bażi fattwali soda biżżejjed" huwa wiesa' u flessibbli biżżejjed biex jippermetti lill-qrati tal-Unjoni li jadattaw it-tip u l-grad ta' prova meħtieġa skont il-kuntest li fih jittieħdu dawk il-miżuri.

124. Barra minn hekk, il-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja organizzat ir-raġunament tagħha għandu jiġi approvat inkwantu hija fl-ewwel lok ipproċediet għal analiżi preċiża tal-portata tal-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali dwar il-miżuri restrittivi inkwistjoni qabel ma dderivat il-konsegwenzi fil-kuntest tal-eżami tal-fondatezza tal-miżura individwali li tirrigwarda lil Kala Naft. Kif turi din il-kawża, l-eżami tal-fondatezza ta' miżura restrittiva huwa, effettivament, marbut mill-qrib mal-mod kif huwa kkonċepit il-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali.

125. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li l-Kunsill jibbenefika minn diskrezzjoni wiesgħa fid-determinazzjoni tal-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali. Fil-fatt, hija ppreċiżat, fil-punt 120 tas-sentenza tagħha Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (EU:C:2013:776), inkwantu r-rikorrenti kienet qiegħda tikkontesta l-proporzjonalità tar-regoli ġenerali li fuq il-bażi tagħhom kienet ġiet deċiża l-inklużjoni tagħha fuq il-listi, li "għandu jitfakkar li, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta *setgħa diskrezzjonali wiesgħa* lil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-oqsma li jimplikaw min-naħa ta' din tal-aħħar *għażliet ta' natura politika*, ekonomika u soċjali, u li fiha hija msejħa twettaq evalwazzjonijiet kumplessi. Hija ddeduċiet li huwa biss il-karattru manifestament mhux xieraq ta' miżura adottata f'dan il-qasam, meta mqabbel mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq, li jista' jaffettwa l-legalità ta' miżura bħal din"[49].

126. B'mod iktar konkret, dik is-sentenza turi li elementi fattwali oġġettivi u magħrufa dderivati mill-attività ta' impriża, li jkunu assoċjati mal-eżistenza ta' fatti mhux ikkontestati, jistgħu jkunu biżżejjed biex jitqies li l-Kunsill issodisfa l-oneru tal-prova li huwa għandu.

4. Sinteżi tar-rekwiżiti dwar l-oneru tal-prova fil-qasam ta' miżuri restrittivi

127. Fir-rigward ta' miżuri li l-iskop tagħhom ikun li ssir pressjoni fuq Stat terz, il-kriterji ta' inklużjoni ġeneralment ikunu bbażati fuq ir-rabta ta' assoċjazzjoni bejn kategoriji ta' persuni u dak l-Istat. F'dan ir-rigward, id-diretturi ta' ċerti impriżi jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi bil-kundizzjoni li jkun stabbilit li huma assoċjati mal-mexxejja tal-imsemmi Stat jew li l-attivitajiet ta' dawk l-impriżi jkunu dipendenti fuq dawk id-diretturi.

128. Il-prova ta' tali rabta ta' assoċjazzjoni għandha tistrieħ fuq bażi fattwali li tkun soda biżżejjed. Fi kliem ieħor, il-motivi li fuqhom tkun ibbażata l-inklużjoni ta' persuna fuq lista ta' ffriżar ta' fondi għandhom ikunu ssostanzjati b'mod suffiċjenti.

49 — Korsiv miżjud minni.

129. Meta miżura restrittiva tiġi adottata skont kriterju ta' inklużjoni bbażat fuq konnessjoni bejn kategorija ta' persuni u r-reġim tal-Istat terz inkwistjoni, bħall-benefiċċju dderivat mill-politika mħaddna minn dak ir-reġim jew l-appoġġ mogħti lil dan tal-aħħar, dik il-miżura tista' tittieħed biss fuq il-bażi ta' elementi preċiżi u konkreti li jippermettu li jiġi stabbilit li l-persuna kkonċernata tiggwadanja mill-politika ekonomika mħaddna mill-mexxejja tal-imsemmi Stat terz jew li jappoġġaw lil dawn tal-aħħar.

130. Dawn l-elementi preċiżi u konkreti jistgħu jikkonsistu f'fatti magħrufa u/jew mhux ikkontestati. Elementi dderivati minn attività ekonomika eżerċitata minn persuna jew funzjoni okkupata minnhom jistgħu jikkostitwixxu, skont il-kuntest, indikazzjonijiet sufficjenti li l-inklużjoni ta' persuna hija adattata biex jinkiseb l-għan imfittex mill-Unjoni. F'dak il-każ, ma huwiex meħtieġ li l-Kunsill iressaq provi supplimentari.

131. Issa, għandu jiġi eżaminat jekk ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati huwiex kompatibbli mar-regoli dwar l-oneru tal-prova hekk kif jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

B – *Il-kompatibbiltà tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali mar-regoli dwar l-oneru tal-prova fil-qasam ta' miżuri restrittivi*

132. Sabiex tiċħad l-ilment li l-Kunsill qaleb l-oneru tal-prova, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenzi appellati, żviluppat raġunament ibbażat fuq il-kunċett ta' preżunzjoni.

133. Ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali jista' jiġi sintetizzat hekk.

134. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali bdiet mill-konstatazzjoni, ibbażata fuq il-premessi tad-Deċiżjoni 2011/522, li tgħid li peress li l-miżuri restrittivi adottati fid-Deċiżjoni 2011/273 ma ppermettewx li tintemm ir-ripressjoni tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili Sirjana, il-Kunsill ikkunsidra li kien hemm lok li dawk il-miżuri jiġu applikati għal persuni u entitajiet oħrajn li jgawdu mir-reġim jew li jappoġġawh, b'mod partikolari dawk li jiffinanzjaw ir-reġim jew li jipprovdulu appoġġ loġistiku, speċjalment lill-apparat tas-sigurtà, jew li jikkompromettu l-isforzi sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni paċifika lejn id-demokrazija. Hija ddeduċiet minn dan li d-Deċiżjoni 2011/522 estendiet il-miżuri restrittivi għall-imprendituri prinċipali Sirjani, peress li l-Kunsill kien tal-fehma li d-diretturi tal-impriżi prinċipali Sirjani setgħu jiġu kkwalifikati bħala persuni assoċjati mar-reġim Sirjan, inkwantu l-attivitajiet kummerċjali tal-imsemmija impriżi ma jistgħux jirnexxu mingħajr ma jibbenefikaw minn favuri mill-imsemmi reġim u mingħajr ma jroddulu lura ċertu appoġġ. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, billi pproċeda b'dan il-mod, il-Kunsill ried japplika preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim Sirjan kontra d-diretturi tal-impriżi prinċipali fis-Sirja.

135. B'hekk, kien fl-istadju tal-eżami tal-kriterju ta' inklużjoni kif iddefinit mid-Deċiżjoni 2011/522 li l-Qorti Ġenerali stabbilixxiet l-idea li tgħid li l-estensjoni ta' dan il-kriterju hija bbażata fuq preżunzjoni ta' appoġġ tad-diretturi ewlenin ta' impriżi fis-Sirja lir-reġim Sirjan. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement indikat ir-raġunijiet fattwali għaliex il-Kunsill kien applika, fir-rigward ta' I. Anbouba, preżunzjoni ta' appoġġ lil dak ir-reġim.

136. Il-Qorti Ġenerali segwiet ir-raġunament tagħha billi eżaminat jekk il-Kunsill setax, mingħajr ma jwettaq żball ta' liġi, japplika tali preżunzjoni ta' appoġġ għal I. Anbouba. Kien f'dan l-istadju li ddeċieda li l-preżunzjoni applikata mill-Kunsill fil-konfront tiegħu kienet imsejsa fuq bażi legali, u li din kienet proporzjonata u konfutabbli. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet f'dan ir-rigward li l-Kunsill ma wettaqx żball ta' liġi meta kkunsidra li s-sempliċi kwalità ta' I. Anbouba bħala negozjant importanti fis-Sirja kienet tippermettilu jippreżumi li dan tal-aħħar kien jipprovdi appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan.

137. Għandu jiġi vverifikat jekk, billi rraġunat b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kisritx jew le r-regoli dwar l-oneru tal-prova hekk kif ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

138. F'dan ir-rigward, jidhirli li, għalkemm l-użu tal-kunċett ta' preżunzjoni, li madwaru l-Qorti Ġenerali fformulat ir-raġunament tagħha, ma jirriżultax mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata iktar 'il fuq, ħlief fis-sentenza Tay Za vs Il-Kunsill (EU:C:2012:138) fejn din finalment tqieset li hija insuffiċjenti biex tiġġustifika l-miżura inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ipproċediet għal evalwazzjoni korretta tal-oneru tal-prova li għandu l-Kunsill fid-dawl tal-kuntest Sirjan u l-elementi ta' prova u informazzjoni li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

139. Sabiex nispjega r-raġunijiet għaliex naqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, ser nidentifika, fl-ewwel lok, il-kriterju ta' inklużjoni li jirriżulta mir-regoli ġenerali dwar il-miżuri restrittivi inkwistjoni, u sussegwentement ser neżamina, fit-tieni lok, il-mod kif dan il-kriterju ta' inklużjoni ġie applikat.

1. Il-kriterju ġenerali ta' inklużjoni

140. Sabiex tistħarreġ il-legalità tal-miżuri individwali ta' inklużjoni fuq il-listi ta' ffriżar ta' fondi, il-qorti tal-Unjoni fl-ewwel lok għandha teżamina liema huwa l-kriterju ġenerali ta' inklużjoni ffissat mill-Kunsill. Effettivament, huwa fid-dawl ta' dan il-kriterju li l-qorti tal-Unjoni għandha tevalwa, f'kull każ, in-natura suffiċjentement preċiża u konkreta tal-motivi previsti fl-atti inkwistjoni, in-natura stabbilita tal-materjalità tal-fatti li jikkorrispondu għall-motiv ikkonċernat fid-dawl tal-elementi kkomunikati kif ukoll, b'mod definittiv, in-natura suffiċjenti tal-fatti allegati biex jiġġustifikaw il-miżura ta' inklużjoni.

141. Għandu jingħad, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali bdiet l-eżami tagħha tal-kwistjoni jekk ir-regoli dwar l-oneru tal-prova kinux ġew irrispettati jew le billi bdiet minn analiżi tal-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fid-Deċiżjoni 2011/522.

142. Minn dan l-eżami jirriżulta li, fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati biex issir pressjoni fuq ir-reġim Sirjan, l-inklużjoni ta' persuni fuq il-listi ta' ffriżar ta' fondi ġiet estiża b'mod progressiv sabiex tinkludi mhux biss liċ-ċirku tal-mexxejja tad-diretturi tar-Repubblika Għarbija Sirjana, iżda wkoll lill-persuni u lill-entitajiet li jiggwadanjaw mir-reġim ta' dak l-Istat terz jew li jappoġġawh.

143. Permezz tad-Deċiżjoni 2011/273, l-Unjoni riedet tikkundanna bis-saħħa r-ripressjoni vjolenti, inkluż bl-użu ta' tiri ta' balal, tad-dimostrazzjonijiet paċifiċi f'diversi nħawi fis-Sirja kollha, li kkaġunat il-mewt ta' bosta dimostranti, korrimenti u detenzjonijiet arbitrarji. L-Unjoni b'hekk għamlet appell lill-awtoritajiet Sirjani biex jastjenu milli jirrikorru għar-ripressjoni (premessa 2 ta' dik id-deċiżjoni). Il-premessa 3 tad-deċiżjoni msemmija tindika li, meta titqies il-gravità tas-sitwazzjoni, għandhom jittieħdu miżuri restrittivi kontra s-Sirja u l-persuni responsabbli għar-ripressjoni vjolenti eżerċitata kontra l-popolazzjoni ċivili Sirjana. L-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273 b'hekk jipprovdi li għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil persuni responsabbli mir-ripressjoni vjolenti eżerċitata kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja u lill-persuni, fiżiċi jew ġuridiċi, u lill-entitajiet assoċjati magħhom.

144. Sussegwentement, fid-Deċiżjoni 2011/522 tiegħu, il-Kunsill fakkar, fil-premessa 2 tagħha, li fit-18 ta' Awwissu 2011, l-Unjoni kienet ikkundannat bl-ikbar sodezza l-kampanja bla ħniena li Bachar Al-Assad u r-reġim tiegħu kienu qegħdin imexxu kontra l-popolazzjoni tagħhom stess u li matulha għadd kbir ta' Sirjani nqatlu jew indarbu. L-Unjoni insistiet ripetutament li r-ripressjoni brutali għandha titwaqqaf, li għandhom jiġu meħlusin id-dimostranti arrestati, li għandu jiġi permess l-aċċess liberu għall-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali u dawk tad-drittijiet tal-bniedem u għall-mezzi tax-xandir, u li għandu jitnieda djalogu nazzjonali ġenwin u inklussiv. Il-Kunsill

ikkonstata, f'dik l-istess premessa, li r-reġim Sirjan madankollu baqa' ma tax widen għas-sejħiet tal-Unjoni u tal-komunità internazzjonali kollha. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Unjoni ddeċidiet, hekk kif jirriżulta mill-premessa 3 ta' dik id-deċiżjoni, li jadotta miżuri restrittivi ġodda kontra r-reġim Sirjan.

145. B'hekk, fil-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2011/522, huwa previst li "r-restizzjonijiet fuq l-ammissjoni u l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għandhom jiġu applikati għal *persuni u entitajiet addizzjonali li jibbenefikaw minn jew jappoġġaw lir-reġim*, partikolarment persuni u entitajiet *li jiffinanzjaw lir-reġim*, jew jipprovdu appoġġ loġistiku lir-reġim, partikolarment l-apparat tas-sigurtà, jew li jimminaw l-isforzi lejn tranżizzjoni paċifika għad-demokrazija fis-Sirja" [50].

146. Dik ir-rieda ssarrfet f'emenda tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273, li wara ppreveda li "l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn, persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, *persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim*, u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati" [51].

147. Din l-estensjoni tal-kriterju ta' inklużjoni ssarrfet fir-Regolament Nru 878/2011 li emenda r-Regolament Nru 442/2011. B'hekk, l-Artikolu 5(1) ta' dan tal-aħħar, kif emendat, jirrigwarda, minbarra l-kategorija ta' persuni responsabbli għar-ripressjoni vjolenti eżerċitata kontra l-popolazzjoni ċivili Sirjana, "persuni jew entitajiet li *jibbenefikaw mir-reġim jew jappoġġjawh*, jew persuni u entitajiet assoċjati magħhom" [52].

148. Id-Deċiżjoni 2011/782 sussegwentement irrevokat id-Deċiżjoni 2011/273 u ġabret fi strument ġuridiku uniku l-miżuri imposti minn din tal-aħħar u l-miżuri supplimentari. L-Artikolu 18(1) tad-Deċiżjoni 2011/782, dwar ir-restrizzjonijiet fir-rigward ta' dħul, kif ukoll l-Artikolu 19(1) tagħha, li jirrigwarda l-miżuri għall-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, jikkonċernaw il-kategorija ta' persuni li "jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim". Id-Deċiżjoni 2011/782 ġiet implementata mir-Regolament Nru 36/2012, li jirrevoka r-Regolament Nru 442/2011.

149. Dik l-estensjoni tal-kriterju ta' inklużjoni fuq il-listi tal-persuni li l-fondi tagħhom huma ffriżati kienet akkumpanjata bl-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi supplimentari bħall-projbizzjoni ta' investiment fis-settur taż-żejt mhux irraffinat, il-projbizzjoni tal-parteċipazzjoni f'ċerti proġetti infrastrutturali u f'investimenti mwettqa f'dawk il-proġetti, jew il-projbizzjoni li jiġu kkunsinnati muniti u karti tal-flus Sirjani lill-Bank ċentrali tas-Sirja.

150. L-istrateġija tal-Unjoni b'hekk ikkonsistiet, sa mill-2011, fl-istabbiliment kemm ta' miżuri restrittivi ta' natura ġenerali, bħal projbizzjonijiet ta' investimenti fis-setturi ekonomiċi, u miżuri restrittivi ta' natura individwali, bħal miżuri ta' ffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Miżuri ġodda ġew stabbiliti wkoll sakemm tibqa' għaddejja r-ripressjoni eżerċitata kontra l-popolazzjoni ċivili, sabiex tiżdied il-pressjoni fuq ir-reġim Sirjan u jiġi mġiegħel ibiddel l-aġir tiegħu. Il-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja u n-nuqqas ta' progress b'hekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri restrittivi addizzjonali.

151. Fir-rigward tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, il-kriterju ta' inklużjoni ġie estiż għall-kategorija tal-persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawh.

152. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2011/522, dik l-estensjoni tal-kriterju ta' inklużjoni hija intiża biex tostakola l-appoġġ finanzjarju u loġistiku li jingħata lir-reġim minn ċerti persuni u entitajiet. Skont l-evalwazzjoni li saret mill-Kunsill, huwa billi jiġi pparalizzat dak l-appoġġ li jista' jintlaħaq l-għan li tintemm il-vjolenza mwettqa mir-reġim ta' Bachar Al-Assad.

50 — Korsiv miżjud minni.

51 — Ara l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni 2011/522. Korsiv miżjud minni.

52 — Ara l-Artikolu 1(3) tar-Regolament nru 878/2011. Korsiv miżjud minni.

153. Billi stabbilixxa dak il-kriterju ta' inklużjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li l-iffriżar ta' fondi li jappartjenu lill-persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna minn dan ir-reġim jista' jikkontribwixxi biex dan tal-aħħar jiddgħajjef billi jitnaqqas l-appoġġ li dik il-kategorija ta' persuni u entitajiet jipprovdu lill-imsemmi reġim.

154. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rikonoxxut li l-Kunsill għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fid-definizzjoni tar-regoli ġenerali dwar il-kriterji ta' inklużjoni. Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dan is-sens fil-punt 120 tas-sentenza tagħha Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (EU:C:2013:776).

155. Mill-premessi 2 sa 4 tad-Deċiżjoni 2011/522 jirriżulta li l-għan tal-Kunsill huwa li tintemm ir-ripressjoni bla ħniena eżerċitata mill-president Sirjan Bachar Al-Assad u r-reġim tiegħu kontra l-popolazzjoni tagħhom stess, li jinkiseb il-ħelsien tad-dimostranti arrestati, li jingħata aċċess ħieles għat-territorju Sirjan lill-organizzazzjonijiet umanitarji, lill-organizzazzjonijiet ta' difiża tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll lill-mezzi tax-xandir u li jitnieda djalogu nazzjonali ġenwin li jkun miftuħ għal kulħadd.

156. Fid-dawl tal-importanza u tan-natura tal-għanijiet hekk imfittxija, il-Kunsill seta' jikkunsidra li kien neċessarju li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżuri restrittivi lil hinn miċ-ċirku tal-mexxejja tal-Istat terz inkwistjoni. Huwa fil-kompetenza tiegħu biex jevalwa jekk, meta jitqiesu r-riżultati miksuba permezz tal-miżuri restrittivi preċedenti, huwiex meħtieġ jew le li tiġi estiża l-portata tagħhom sabiex tiżdied il-pressjoni fuq l-Istat terz ikkonċernat.

157. Barra minn hekk, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li, kieku l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu jirrigwardaw biss lill-mexxejja tar-reġim Sirjan, u mhux ukoll lill-persuni li jgawdu minn dak ir-reġim u li jappoġġawh, il-kisba tal-għanijiet imfittxija mill-Kunsill setgħet tiġi ppreġudikata, għaliex dawk il-mexxejja faċilment ikunu setgħu jiksbu l-appoġġ, b'mod partikolari finanzjarju, li jkollhom bżonn sabiex ikomplu bir-ripressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili, permezz ta' persuni oħrajn li jokkupaw jew funzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Istat Sirjan[53], jew inkella pożizzjoni ekonomika importanti fi ħdan dak l-Istat. Għaldaqstant, il-Kunsill seta' jikkunsidra b'mod leġittimu li l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-kategorija ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim tal-Istat terz inkwistjoni u li, għal dik ir-raġuni, ikunu marbuta ma' dak ir-reġim, hija ta' tali natura li tikkontribwixxi biex tiġi eżerċitata pressjoni fuq l-istess reġim li tista' ttemm, jew ittaffi, ir-ripressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili[54]. L-għażla li saret mill-Kunsill li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżuri restrittivi għall-persuni li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim b'hekk hija konformi mal-funzjoni primarja tal-miżuri intiżi biex titwaqqaf il-vjolenza mwettqa minn reġim awtoritarju bħar-reġim Sirjan, jiġifieri funzjoni ta' kostrizzjoni bil-għan li tinkiseb bidla ta' sitwazzjoni jew aġir[55].

158. Id-definizzjoni mill-Kunsill tar-regoli ġenerali relatati mal-kriterji ta' inklużjoni neċessarjament tistrieħ fuq preżunzjonijiet, inkwantu dawk ir-regoli huma ffissati abbażi ta' evalwazzjoni ta' rabta li kategorija ta' persuni jkollha mar-reġim u b'hekk fuq l-influwenza li jista' jkollhom il-miżuri restrittivi fuq it-tfittxija tal-għan imfittex mill-Kunsill, f'dan il-każ it-tmiem tar-ripressjoni mdemmija kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Fi kliem ieħor, fl-istadju tal-iffissar ta' kriterju ta' inklużjoni, il-Kunsill neċessarjament jibbaża ruħu fuq evalwazzjoni tal-effett potenzjali li jista' jkollha l-ispeċifikazzjoni ta' persuni li jaqgħu taħt ċerta kategorija fuq l-għan imfittex.

53 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Mayaleh vs Il-Kunsill (T-307/12 u T-408/13, EU:T:2014:926, punt 147).

54 — *Ibidem* (punt 148).

55 — Ara Beaucillon, C., *op. cit.*, p. 485.

159. Fil-każ li għandna quddiemna, il-Kunsill ikkunsidra, meta ffissa l-kriterju ġenerali ta' inklużjoni, li l-fatt li wieħed jibbenefika mill-politika mħaddma mir-reġim Sirjan jimplika l-eżistenza ta' relazzjoni mill-qrib ma' dak ir-reġim. Billi tissemma dik il-kategorija ta' persuni, il-miżuri ta' ffriżar ta' fondi b'hekk jistgħu jikkontribwixxu sabiex jiddgħajjef dak ir-reġim. Meta wasal għal dik l-evalwazzjoni, il-Kunsill baqa' fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li, kif rajna iktar 'il fuq, għandha tiġi rikonoxxuta lilu.

2. L-applikazzjoni tal-kriterju ġenerali ta' inklużjoni

160. L-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra I. Anbouba hija xhieda tal-volontà tal-Kunsill li ċerti diretturi ta' impriżi jiddaħħlu taħt il-kategorija ta' persuni li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim Sirjan jew li jappoġġaw lil dan tal-aħħar.

161. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ikkunsidra, kif jirriżulta mill-punt 32 tas-sentenza T-563/11 u mill-punt 42 tas-sentenza T-592/11, li d-diretturi tal-impriżi prinċipali Sirjani setgħu jiġu kkwalifikati bħala persuni assoċjati mar-reġim Sirjan, peress li l-attivitajiet kummerċjali tal-imsemmija impriżi ma setgħux jirnexxu mingħajr ma jibbenefikaw minn favuri mill-imsemmi reġim u mingħajr ma jroddulu lura ċertu appoġġ.

162. Il-Kunsill b'hekk stabbilixxa relazzjoni bejn iż-żewġ komponenti tal-kriterju ta' inklużjoni li jirrigwarda, għandu jitfakkar, fuq bażi alternattiva, il-kategorija ta' persuni li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawh. Il-Kunsill b'hekk ikkunsidra li persuna ma tistax tibbenefika minn tali politika mingħajr ma tappoġġa r-reġim.

163. Dik ir-relazzjoni bejn iż-żewġ żewġ komponenti tal-kriterju ta' inklużjoni ssarrfet fil-motivi inizjali tal-inklużjoni ta' I. Anbouba, jiġifieri "President [tas-SAPCO]. Jappoġġa ekonomikament lir-reġim Sirjan". Il-motivi li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament Nru 36/2012 huma wkoll, parzjalment, ibbażati fuq l-eżistenza ta' appoġġ finanzjarju ta' I. Anbouba lir-reġim Sirjan.

164. Hekk kif jirriżulta minn dawn il-motivi, il-Kunsill ibbaża ruħhu fuq il-pożizzjoni ekonomika ta' I. Anbouba biex jiddeduċi li huwa kien jappoġġa ekonomikament lir-reġim ta' Bachar Al-Assad.

165. Id-dibattitu quddiem il-Qorti Ġenerali ppermetta lill-Kunsill li jissostanzja dawk il-motivi permezz ta' għadd ta' elementi fattwali li juru, minn naħa, il-pożizzjoni ekonomika importanti ta' I. Anbouba, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' rabtiet kummerċjali bejn dan tal-aħħar u persuna li tiġi minn Bachar Al-Assad u, finalment, l-eżerċizzju minn I. Anbouba ta' funzjonijiet ta' amministrazzjoni fis-settur ekonomiku. Dawn l-elementi fattwali jinsabu fil-punt 33 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 43 tas-sentenza T-592/11.

166. Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha wkoll, fil-punt 38 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 48 tas-sentenza T-592/11, fuq in-natura awtoritarja tar-reġim Sirjan u fuq il-kontroll strett eżerċitat mill-Istat fuq l-ekonomija Sirjana sabiex tiddeċiedi li l-Kunsill seta' jikkunsidra, ġustament, li jikkostitwixxi regola ta' esperjenza komuni l-fatt li l-attivitajiet ta' wieħed min-negozjanti ewlenin fis-Sirja, li kien attiv f'għadd ta' setturi, ma setax jirnexxi mingħajr ma jibbenefika minn favuri mill-imsemmi reġim u mingħajr ma jroddlu lura ċertu appoġġ.

167. Kien fuq din il-bażi fattwali li l-Qorti Ġenerali stmat li l-Kunsill kien applika fil-konfront ta' I. Anbouba preżunzjoni ta' appoġġ lir-reġim Sirjan.

168. Għalkemm naqbel mal-konklużjoni li essenzjalment intlaħqet mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri li l-Kunsill issodisfa l-oneru tal-prova li kien jaqa' fuqu, min-naħa l-oħra ma ninsabx konvint li ladarba jiġi identifikat il-kriterju ta' inklużjoni, l-eżami relattiv għall-applikazzjoni ta' dak il-kriterju għandu jsir billi jintuża l-kunċett ta' preżunzjoni u billi jiġi evalwat kull darba jekk dik il-preżunzjoni tistrieħx fuq bażi legali, jekk hijiex proporzjonata u jekk hijiex konfutabbli.

169. Dawn il-kawżi juru, fil-fehma tiegħi, li raġunament ifformulat totalment madwar il-kunċett ta' preżunzjoni jikkomplika l-analiżi iktar milli jissimplifikaha. Barra minn hekk, l-użu ta' dak il-kunċett iwassal għas-sitwazzjoni paradossali li iktar ma l-preżunzjoni tkun ibbażata fuq bażi fattwali soda, iktar tiġi kkritikata li hija inkonfutabbli u b'hekk kontestabbli fil-prinċipju.

170. B'hekk, jidhirli li huwa iktar ċar u iktar konsistenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jiġi vverifikat, b'mod iktar sempliċi, jekk fir-rigward tal-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali relatati mal-miżuri restrittivi inkwistjoni, il-Kunsill issodisfax jew le l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu. Sabiex tkun tista' tagħmel dan, il-qorti tal-Unjoni għandha tiddetermina jekk fid-dawl tal-elementi ta' informazzjoni u ta' prova ppreżentati mill-Kunsill, jistax jitqies li l-motivi li fuqhom tkun ibbażata l-inklużjoni ta' persuna jkunux issostanzjati b'mod suffiċjenti. B'mod iktar preċiż, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dawn l-appelli, il-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika jekk il-miżura inkwistjoni ġietx adottata fuq il-bażi ta' elementi preċiżi u konkreti li jippermettu li jiġi stabbilit li l-persuna inkluża tibbenefika mill-politika ekonomika mħaddna mill-mexxejja tal-Istat terz jew tappoġġa lil dawn tal-aħħar.

171. Naturalment, il-qorti tal-Unjoni, jekk trid teżerċita stħarriġ realistiku, għandha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-kuntest li fih jittieħdu l-miżuri restrittivi inkwistjoni. Kif ser nispjega f'iktar dettall fl-argumenti segwenti, huwa ċar li, meta dawk il-miżuri jkunu jirrigwardaw Stat terz fi gwerra ċivili u mmexxi minn reġim awtoritarju, l-urġenza tas-sitwazzjoni u d-diffikultajiet ta' investigazzjoni ma jippermettux lill-qorti tal-Unjoni li teżiġi grad għoli ta' prova. Il-qorti tal-Unjoni b'hekk għandha tikkunsidra li, mill-mument meta l-Kunsill ippreżentalha sensiela ta' indizji preċiżi, konkreti u konkordanti li jsostnu l-motivi tal-inklużjoni, dan kien issodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu.

172. Ir-riluttanza tiegħi fir-rigward tal-użu tal-kunċett ta' preżunzjoni fl-istadju tal-applikazzjoni tal-kriterju ta' inklużjoni twassalni biex nikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta artikolat l-ispjegazzjoni tagħha kollha madwar dak il-kunċett. Dan premess, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li jekk il-kunsiderazzjonijiet ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġenerali juru ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jidher fondat minħabba kunsiderazzjonijiet ta' liġi oħra, l-appell għandu jiġi miċħud[56]. Peress li naqbel mal-konklużjoni li essenzjalment waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, jiġifieri li l-Kunsill issodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu, ma hemmx lok li jintlaqgħu dawn l-appelli.

173. B'mod konformi mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, il-motivi li fuqhom hija bbażata l-inklużjoni ta' I. Anbouba jistgħu jitqiesu li ġew issostanzjati b'mod suffiċjenti.

174. Effettivament, inkwantu kellha quddiemha kemm fatti magħrufa kif ukoll fatti mhux ikkontestati, il-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tikkunsidra li l-oneru tal-prova li jaqa' fuq il-Kunsill kien issodisfatt.

175. Barra minn hekk, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tar-reġim Sirjan kif ukoll tal-kuntest tal-gwerra ċivili fis-Sirja, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi akkużata talli ma eżiġitx li l-Kunsill iressaq provi supplimentari.

56 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Artegodan vs Il-Kummissjoni (C-221/10 P, EU:C:2012:216, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

a) Il-fatti magħrufa

176. Fil-punt 38 tas-sentenza T-563/11 u fil-punt 48 tas-sentenza T-592/11, il-Qorti Ġenerali ġustament saħqet dwar ir-rabtiet ta' interdipendenza bejn in-negozjanti ewlenin fis-Sirja u r-reġim ta' Bachar Al-Assad.

177. L-eżistenza ta' tali rabtiet tikkostitwixxi, skont il-Qorti Ġenerali, "regola ta' esperjenza komuni". Dan huwa, fi kliem ieħor, fatt magħruf.

178. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li l-ġurisprudenza teskludi, fil-prinċipju, l-istħarriġ f'appell tal-kwistjoni jekk fatt huwiex magħruf jew le, ħlief f'każ ta' żnaturament tal-fatti [57].

179. F'kull każ, nirrileva li l-eżistenza ta' rabtiet ta' interdipendenza bejn in-negozjanti prinċipali fis-Sirja u r-reġim ta' Bachar Al-Assad tirriżulta minn għadd ta' studji relatati ma' dak ir-reġim.

180. Huwa magħruf ukoll li, taħt dak ir-reġim awtoritarju, li huwa ddominat mit-tmexxija tal-partit Baath, l-aċċess għar-riżorsi politiċi u ekonomiċi jinkiseb bl-intervent ta' istituzzjonijiet bħall-partit Baath, is-servizzi ta' informazzjoni u l-armata.

181. Sa mis-snin 90, ir-reġim irnexxielu jiġbed lejh l-appoġġ tal-borgeżija tan-negozju, b'mod partikolari fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet elettorali, li ppermettilu jidħol fl-Assemblea [58]. Dak il-grupp soċjali b'hekk sab ruħu f'pożizzjoni li jiddefendi interessi tas-settur fil-kuntest tar-reġim [59]. Dik is-sistema ta' kollużjoni ta' interessi tat u tkompli tagħti lir-reġim tal-partit Baath il-poter tiegħu [60].

182. Barra minn hekk, il-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-ekonomija li nieda Bachar Al-Assad ma għandux jaħbi l-persistenza ta' kontroll strett tal-Istat fuq l-ekonomija Sirjana [61]. Peress li din baqgħet irregolata u ssussidjata ħafna, dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni huwa kkaratterizzat min-natura selettiva tiegħu [62]. Dan il-fenomenu kkontribwixxa għall-emerġenza ta' "borgeżija kummerċjali kkawżata mill-klijenteliżmu" [63], inkwantu r-reġim huwa kkaratterizzat mill-korruzzjoni tal-amministrazzjoni [64].

57 — Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "għandu jiġi rrilevat […], fl-ewwel lok, li fil-prinċipju huwa l-kompitu tal-persuna li tallega fatti insostenn ta' talba biex tressaq prova li dawn huma veri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza […] Brunnhofer, C-381/99, [EU:C:2001:358], punt 52) u li, jekk ikun hemm deroga minn din ir-regola għaliex l-allegazzjoni tkun tirrigwarda fatti magħrufa, il-konstatazzjoni dwar jekk il-fatti kkonċernati jkunux magħrufa jew le hija fil-kompetenza tal-qorti tal-ewwel istanza u tikkostitwixxi evalwazzjoni ta' natura fattwali li, ħlief f'każ ta' żnaturament, ma taqax taħt l-istħarriġ eżerċitat fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza […] UASI vs Celltech (C-273/05 P, [EU:C:2007:224], punti 39 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata)" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [Ara d-Digriet Provincia di Ascoli Piceno u Comune di Monte Urano vs Apache Footwear *et*, C-464/07 P(I), EU:C:2008:49, punt 9].

58 — Ara Belhadj, S., *La Syrie de Bashar al-Asad–Anatomie d'un régime autoritaire*, Belin, Pariġi, 2013, p. 267 u 268.

59 — *Ibidem* (p. 270 u 271).

60 — *Ibidem* (p. 272).

61 — *Ibidem*. L-awtur jindika li, minkejja r-rieda affermata ta' ċaqliqa minn ekonomija kkontrollata u protetta lejn ekonomija tas-suq u miftuħa, "il-biċċa l-kbira ta' dawk fl-ogħla pożizzjonijiet [tal-partit Baath] u, fil-quċċata nett, Bashar [Al-Assad], ma jaħbux il-fatt li jridu jżommu kontroll sħiħ tal-proċessi ta' trasformazzjoni tal-istruttura tal-ekonomija nazzjonali" (p. 297 u 298).

62 — Ara Friberg Lyme, R., "Sanctioning Assad's Syria – Mapping the economic, socioeconomic and political repercussions of the international sanctions imposed on Syria since March 2011", *Danish Institute for International Studies Report 2012:13*. L-awtur jindika rispettivament il-paġni 15 u 18:
"The liberalisation process proved, however, selective and partial as the economy overall remained highly regulated and subsidized. […] the economy remained restrained by a bloated, corrupt and ineffective public administration."
"The process [of liberalisation] largely benefitted the educated, urban, upper middle class and saw the rise of economic oligarchs who extracted considerable wealth from virtual monopolies on newly opened business opportunities, particularly in sectors like oil, telecoms, pharmaceuticals and chemicals, electronics, agro-business and tourism, while midrange investment activity was lacking."

63 — Ara Belhadj, S., *op. cit.*, p. 344.

64 — Ara, *Syria Under Bashar (II): Domestic Policy Challenges*, International Crisis Group, Middle East Report Nru 24, 11 ta' Frar 2004, rispettivament fil-paġni 3 u 11: "Syria developed a quasi-corporatist system, built around patron-client relations and a widespread network of economic allegiance and corruption".
"[T]he economic and the political are interlinked: deep public sector reforms would undermine patronage and clientelism. […] Likewise, widespread corruption is a central feature of the system, affecting all administrative levels and regulating entire facets of the economy. […] [P]rivate sector businessmen who took advantage of economic liberalisation have become major beneficiaries of corruption. As a result, they have monopolised most of the new lucrative markets."

183. Ġew minsuġa rabtiet mill-qrib, spiss b'element familjari, bejn negozjanti b'interess li japprofittaw mill-ftuħ tal-ekonomija Sirjana u r-reġim fil-poter. Waqt li r-reġim b'hekk jiżgura l-appoġġ politiku u finanzjarju tad-diretturi ta' impriżi, dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jużaw il-konnessjonijiet tagħhom mar-reġim sabiex l-attivitajiet kummerċjali tagħhom imorru tajjeb [65]. Huwa b'dan il-mod li żviluppat relazzjoni ta' interdipendenza bejn in-negozjanti ewlenin u r-reġim fil-poter [66]. L-élite kummerċjali b'hekk saret appoġġ essenzjali ta' dak ir-reġim [67].

184. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali setgħet, ġustament, tibbaża ruħha fuq rabtiet ta' interdipendenza bejn in-negozjanti ewlenin u r-reġim Sirjan biex tikkunsidra li dan jikkostitwixxi indikazzjoni serja ta' appoġġ mogħti minn direttur ta' impriżi bħal I. Anbouba lir-reġim Sirjan.

185. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha fuq sensiela ta' fatti mhux ikkontestati.

b) Il-fatti mhux ikkontestati

186. I. Anbouba huwa president tas-SAPCO, il-kumpannija ewlenija tal-industrija agroalimentari (SAPCO għandha sehem mis-suq ta' 60 % fis-settur taż-żejt tas-sojja).

187. I. Anbouba huwa, barra minn hekk, direttur ta' diversi kumpanniji attivi fis-settur tal-proprjetà immobbli u tal-edukazzjoni.

188. Ma huwiex ikkontestat, u dan huwa kkonfermat minn elementi fattwali, li n-negozju ta' I. Anbouba ffjorixxa id f'id mal-proċess ta' ftuħ tal-ekonomija Sirjana li tnieda mir-reġim ta' Bachar Al-Assad. Għal dik ir-raġuni biss, huwa diġà stabbilit li l-pożizzjoni ta' I. Anbouba tikkorrispondi għall-ewwel komponent tal-kriterju ta' inklużjoni, li tirrigwarda l-kategorija ta' persuni li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim Sirjan.

189. I. Anbouba jargumenta li l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi għal persuni fiżiċi minħabba s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom u indipendentement mill-aġir personali tagħhom tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar miżuri għall-iffriżar ta' fondi. Jiena ma naqbilx. Il-bażi fattwali soda biżżejjed li l-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi wara s-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi

65 — Ara Friberg Lyme, R., *op. cit.* L-awtur jindika rispettivament fil-paġni 20 u 21:
"[A]n organic alliance between elites within military, security and civilian state institutions and an emerging class of private sector entrepreneurs became a vital pillar of regime power. The selective liberalisation process provided instruments for co-opting and re-organising networks of allegiance and patronage as the resources generated by the economic openings and economic regulation were, first and foremost, exploited by regime elites and their close allies […]. The new organic networks often involved close kinship between security, military and state officials and a new generation of business entrepreneurs."
"The lion's share of the new opportunities and market openings went to a small group of individuals associated with the regime, either through family ties and/or through public governmental positions in the military and security services. The new entrepreneurial elite received licensing and concessions within the public services and could delegate management to gain the most profitable projects, benefit from tailor-made regulation, and enjoy privileged access to foreign investments and expatriate Syrian and Arab business communities […]. They were therefore the ones largely benefitting from the opportunities arising from liberalisation, especially within sectors such as energy (oil and gas), telecoms and IT, duty free zones, pharmaceuticals, chemicals, electronics, agro-business, tourism and car dealerships. […] These people therefore owed their fortunes (or large parts thereof) to their organic relationship with regime insiders. By gathering patronage networks […], the regime not only undercut any other collective action to rally private sector businesspeople against the regime, but by creating strategic openings to benefit its allies (and family members), the regime also assured themselves of allies through interdependence."

66 —
– *Ibidem.* L-awtur isemmi fil-paġna 24: "[T]he lucrative business openings, brought about by the liberalisation process, primarily benefitted an emerging entrepreneurial business class due to its organic and tightly knit (often family) ties to the inner core of the regime, creating a high degree of interdependence – and to some degree blurring of the distinction – between the two."

67 —
– *Ibidem.* L-awtur jindika fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21: "The new elites even challenged the Ba'ath traditionalists as they began seeking political representation. The party's importance as a mobilising driver for the regime declined and was to some degree taken over by the new commercial elite. This was clearly demonstrated in the presidential referendum in 2007 where the business elite mobilised regime support, covering the costs of all meeting venues in the country. These networks have been highly active in organising and financing demonstrations and *shabihas* in favour of the regime during the uprising of 2011".

(EU:C:2013:518) tiddependi strettament mill-kriterju ta' inklużjoni li jinsab fir-regoli ġenerali dwar il-miżuri restrittivi inkwistjoni, li kif diġà rajna, il-Kunsill għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fil-mod kif jiffissahom. F'dan il-każ, il-benefiċċju miksub mill-politika mħaddna mir-reġim jista' jintwera mill-Kunsill billi jistabbilixxi, permezz ta' elementi oġġettivi bħal ma huma l-attivitajiet kummerċjali żviluppati minn I. Anbouba, il-pożizzjoni ekonomika akkwistata minn dan tal-aħħar taħt ir-reġim attwali, mingħajr ma huwa meħtieġ li jintwera aġir personali partikolari.

190. Barra minn hekk, fatti oħrajn mhux ikkontestati jikkonfermaw li I. Anbouba tabilħaqq jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-komponent ieħor tal-kriterju ta' inklużjoni, jiġifieri dak li jirrigwarda l-persuni li jappoġġaw lir-reġim Sirjan.

191. Effettivament, I. Anbouba ammetta li bejn l-2007 u April 2011, huwa kien wieħed mid-disa' membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Cham Holding, l-iktar kumpannija privata importanti fis-Sirja u li kienet kopreseduta mill-kuġin tal-president Sirjan Bachar Al-Assad, Rami Makhlouf.

192. Dan tal-aħħar huwa negozjant importanti fis-Sirja, bħal ma huwa ħuh Ehab. It-tnejn li huma jikkontrollaw diversi impriżi importanti. Il-Kummissjoni tindika fin-noti ta' intervent tagħha, mingħajr ma dan ġie kkontestat, li wħud minn dawk l-impriżi joperaw fuq il-bażi ta' liċenzja mogħtija wara proċess ta' ftuħ tal-ekonomija lil impriżi privati spiss ikkontrollati mill-membri tal-familja tal-president Sirjan.

193. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, mingħajr ma ġie kkontestat minn I. Anbouba, Cham Holding, li hija attiva f'għadd kbir ta' setturi ekonomiċi permezz tas-sussidjarji tagħha, hija marbuta mar-reġim ta' Bachar Al-Assad, b'mod partikolari minħabba r-rabta familjali li tgħaqqad lil dan tal-aħħar u lil Rami Makhlouf. I. Anbouba stess jindika li dik l-entità hija "magħrufa li tinsab qrib tal-apparat statali Sirjan" [68].

194. B'hekk, il-parteċipazzjoni ta' I. Anbouba fil-Bord tad-Diretturi ta' Cham Holding sa perijodu reċenti turi, fiha nfisha, l-eżistenza ta' relazzjoni mill-qrib bejnu u r-reġim ta' Bachar Al-Assad.

195. Meta jitqies dan l-element fattwali mhux ikkontestat, il-Qorti Ġenerali setgħet b'mod leġittimu tiddeduċi l-eżistenza ta' rabtiet kummerċjali bejn I. Anbouba u membru tal-familja ta' Bachar Al-Assad li, fid-dawl tan-natura awtoritarja tar-reġim u tal-kontroll strett eżerċitat mill-Istat fuq l-ekonomija Sirjana, I. Anbouba ma setax jiżviluppa l-attivitajiet kummerċjali tiegħu mingħajr ma jibbenefika mill-appoġġ tar-reġim u mingħajr ma jroddlu lura ċertu appoġġ.

196. Barra minn hekk, fl-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-pożizzjoni ta' I. Anbouba ma kinitx paragunabbli ma' dik ta' kull direttur ta' impriżi. Fi kliem ieħor, il-pożizzjoni ta' I. Anbouba hija unika minħabba d-diversità tas-setturi ekonomiċi li huwa stagħna fihom kif ukoll mir-rabtiet kummerċjali li huwa kellu ma' negozjant qrib il-poter.

197. Il-pożizzjoni okkupata minn I. Anbouba hija kkaratterizzata wkoll mill-fatt li huwa ammetta li kien is-segretarju ġenerali tal-kamra tal-kummerċ u tal-industrija tal-belt ta' Homs mill-2004 sal-2008. Dak l-element fattwali mhux ikkontestat jikkostitwixxi indikazzjoni serja tal-influwenza eżerċitata minn I. Anbouba fil-kuntest tal-proċess ta' ftuħ selettiv tal-ekonomija Sirjana. Meta titqies in-natura

68 — Ara p. 7 tar-risposta tiegħu għan-nota ta' intervent tal-Kummissjoni.

tar-reġim Sirjan u l-mod kif tmexxa l-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-ekonomija, huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li I. Anbouba seta' jikseb vantaġġ mill-funzjoni li kien jokkupa sabiex jiżviluppa n-negozju tiegħu u li, f'kull każ, dik il-funzjoni hija xhieda ta' rabta ċerta mar-reġim ta' Bachar Al-Assad[69].

198. Finalment, għandu jiġi ppreċiżat li I. Anbouba la kkontesta n-natura awtoritarja tar-reġim Sirjan u lanqas il-kontroll strett eżerċitat mill-Istat fuq l-ekonomija Sirjana. In-natura "totalitarja" tar-reġim hija, barra minn hekk, aċċettata minnu stess fin-noti tiegħu[70].

c) L-eżistenza ta' bażi fattwali soda biżżejjed

199. Meta jitqies il-kumpless tal-fatti magħrufa u l-fatti mhux ikkontestati, il-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tikkunsidra li l-Kunsill kien issodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu.

200. Effettivament, dawn l-elementi fattwali kienu fihom infushom ta' tali natura li juru li I. Anbouba kien tabilħaqq jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-kriterju ta' inklużjoni, jiġifieri l-persuni li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawh.

201. Barra minn hekk, l-imsemmija elementi fattwali jikkostitwixxu indikazzjonijiet preċiżi, konkreti u konkordanti tal-eżistenza ta' appoġġ mogħti minn I. Anbouba lir-reġim ta' Bachar Al-Assad. Ir-raġunijiet li fuqhom ġiet ibbażata l-inklużjoni ta' I. Anbouba fuq il-lista ta' ffriżar ta' fondi b'hekk setgħu jitqiesu li kienu ssostanzjati b'mod suffiċjenti.

202. Fil-preżenza ta' tali bażi fattwali li hija biżżejjed soda, il-Qorti Ġenerali b'hekk ma kinitx meħtieġa teżiġi li l-Kunsill jipprovdi elementi ta' prova jew ta' informazzjoni supplimentari.

203. Meta titqies is-sitwazzjoni fis-Sirja, ma jkunx xieraq li jittaqqal iktar l-oneru tal-prova li għandu l-Kunsill u li jkun meħtieġ li jmur lil hinn mill-elementi oġġettivi li huwa stabbilixxa quddiem il-Qorti Ġenerali.

204. Sabiex jiġi adattat il-grad ta' prova li jista' jintalab mill-Kunsill għar-realtà tas-sitwazzjoni fis-Sirja, il-qorti tal-Unjoni għandha tqis li r-Repubblika Għarbija Sirjana tinsab fi gwerra ċivili, li tagħmilha diffiċli biex ikun hemm aċċess għal provi u elementi ta' informazzjoni oġġettivi. Dan il-kuntest ta' gwerra huwa saħansitra iktar ikkomplikat minħabba l-qilla attwali tal-grupp terrorist magħruf bħala "Stat Iżlamiku". I. Anbouba stess jammetti li s-sitwazzjoni attwali fis-Sirja tikkomplika l-amministrazzjoni tal-prova li hija l-kompitu tal-Kunsill[71].

205. Barra minn hekk, ir-reġim milqut mill-miżuri restrittivi għadu fil-poter, liema ħaġa teskludi kull kollaborazzjoni tal-Unjoni mal-awtoritajiet nazzjonali biex jinkisbu l-informazzjoni jew il-provi meħtieġa.

206. Finalment, ir-ripressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili fil-prattika tagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li tinġabar xhieda minn opponenti li huma preżenti fis-Sirja jew li għandhom il-familja hemmhekk, u li jaċċettaw li jiġu identifikati. Id-diffikultajiet għall-investigazzjoni li jsegwu minn dan u l-perikolu li għalih jesponu ruħhom dawk li jipprovdu informazzjoni jostakolaw il-preżentazzjoni ta' provi preċiżi ta' aġir personali ta' appoġġ għar-reġim.

69 —
– Ara, f'dan ir-rigward, Friberg Lyme, R., *op. cit.*, li jindika fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20: "Membership of the chambers began in the 1980s where it became a de facto prerequisite for acquiring a commercial, industrial record and business licenses [...]. [...] [T]he chambers of commerce have always been tied to the regime and have played a limited role in representing the interests of the wider merchant class".

70 — Ara l-punt 33 tar-rikorsi tiegħu.

71 — Ara p. 3 tar-risposta tagħha għan-nota ta' intervent tal-Kummissjoni.

207. Is-sitwazzjoni ta' gwerra prevalenti fis-Sirja b'hekk għandha twassal għal bidla fl-oneru tal-prova li jaqa' fuq il-Kunsill. Meta ġie mistoqsi dwar dan is-suġġett matul is-seduta, I. Anbouba barra minn hekk ammetta li s-sitwazzjoni ta' gwerra fis-Sirja kienet tagħmel l-amministrazzjoni tal-prova iktar diffiċli u b'hekk huwa meħtieġ aġġustament tal-prinċipji li jirregolawha.

208. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kunsill jissodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu jekk huwa jistabbilixxi quddiem il-qorti tal-Unjoni medda ta' indizji konkreti, preċiżi u konkordanti biżżejjed li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' konnessjoni suffiċjenti bejn il-persuna suġġetta għal miżura ta' ffriżar tal-fondi tagħha u r-reġim li kontrih tkun qed tittieħed azzjoni.

209. B'hekk, is-sitwazzjoni deskritta iktar 'il fuq issejjaħ għal ekwilibriju fl-oneru tal-prova. Għalkemm ċertament ma huwiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518) li jiġi impost fuq il-persuna inkluża f'lista ta' ffriżar ta' fondi l-oneru li tressaq prova negattiva tal-assenza tal-fondatezza tal-motivi ta' inklużjoni, dik il-ġurisprudenza lanqas ma għandha, billi teżiġi grad ta' prova wisq għoli, timponi fuq il-Kunsill l-oneru li jressaq prova impossibbli.

210. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena tal-fehma, kif essenzjalment iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenzi appellati, li l-Kunsill issodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518), billi ssostanzja l-motivi għall-kwalifikazzjoni ta' I. Anbouba permezz ta' għadd sħiħ ta' fatti magħrufa u mhux ikkontestati li juru l-eżistenza ta' rabta bejn dan tal-aħħar u r-reġim Sirjan.

211. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrispettat il-possibbiltà li għandha tiġi offruta lil kull persuna inkluża fil-lista li tikkontesta miżura ta' ffriżar ta' fondi li tressaq prova li, minkejja l-eżistenza ta' indikazzjonijiet serji li minħabba fihom taqa' taħt il-kategorija tal-persuni u entitajiet ikkonċernati taħt il-kriterju ta' inklużjoni, hija madankollu ma hijiex marbuta mal-Istat terz inkwistjoni.

212. Il-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fis-sentenzi appellati jixhdu f'diversi okkażjonijiet li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat din il-possibbiltà li I. Anbouba jressaq prova kuntrarja, jiġifieri li huwa ma bbenefikax mill-politika mħaddna mir-reġim jew li huwa ma jappoġġax lil dan tal-aħħar. F'dan ir-rigward, nirreferi għall-punti 41 u 42 tas-sentenza T-563/11 u għall-punti 51 u 52 tas-sentenza T-592/11, kif ukoll għall-punti 45 sa 60 tas-sentenza T-563/11 u għall-punti 63 sa 76 tas-sentenza T-592/11, fejn il-Qorti Ġenerali enfasizzat il-possibbiltà li I. Anbouba jressaq provi kuntrarji, u mbagħad eżaminat b'mod konkret l-elementi pprovduti minnu, li kienu intiżi biex juru li l-Kunsill kien wettaq żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li, fil-kwalità tiegħu bħala negozjant importanti fis-Sirja, huwa kien jagħti appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan.

213. Għall-kuntrarju ta' dak li jallega I. Anbouba, il-Qorti Ġenerali b'hekk tabilħaqq osservat il-prinċipju tal-kontradittorju u d-drittijiet ta' difiża tiegħu.

214. Permezz tal-appelli tiegħu, I. Anbouba fir-realtà ma pprovax ipoġġi f'dubju l-evalwazzjoni tal-provi kuntrarji li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-elementi pprovduti minnu biex jikkontesta l-eżistenza ta' appoġġ min-naħa tiegħu lir-reġim Sirjan. F'kull każ, peress li, kif rajna, il-Kunsill issodisfa l-oneru tal-prova li jaqa' fuqu fil-qasam ta' miżuri restrittivi, ma jaqax taħt il-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell li teżamina l-mod kif il-Qorti Ġenerali evalwat il-provi kuntrarji li ġew ippreżentati lilha minn I. Anbouba[72].

72 — Sentenza Hüls vs Il-Kummissjoni (EU:C:1999:358, punt 65).

## VIII – **Konklużjoni**

215. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appelli, u

— tikkundanna lil I. Anbouba għall-ispejjeż.